2023/2659

28.11.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2659

tas-27 ta' Novembru 2023

li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) (ir-Regolament bażiku), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-30 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Avviż ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("l-Avviż ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-14 ta' Frar 2023 minn PET Europe ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-PET fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tat-theddida ta' dannu materjali li tirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet

(3) Fil-31 ta' Mejju 2023, l-ilmentatur ippreżenta talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw mir-RPĊ skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Kif jista' jidher fit-Tabella 1, f'dan il-każ, meta jitqabblu l-importazzjonijiet mill-bidu tal-investigazzjoni 'l quddiem (jiġifieri April sa Lulju 2023) mal-perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri s-sena kalendarja 2022) u l-istess xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat, ma seħħet l-ebda żieda fl-importazzjonijiet u, għalhekk, il-kundizzjoni legali skont l-Artikolu 10(4)(d) ma kinitx ġiet issodisfata. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tirreġistrax l-importazzjonijiet ta' PET li joriġina mir-RPĊ.

Tabella 1

Importazzjonijiet miċ-Ċina fil-PI u wara l-bidu (tunnellati)

	Perjodu ta' investigazzjoni	Medja ta' kull xahar tal-perjodu ta' investigazzjoni	April – Lulju 2023	April – Lulju 2023 medja fix-xahar
Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni	305 055	25 421	100 657	25 164

Sors: Eurostat

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) L-Avviż ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat ("PET") li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 115, 30.3.2023, p. 5).

(4) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni dment li ma jkollhiex biżżejjed evidenza skont it-tifsira tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti skont il-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 10(4) ma ġewx issodisfati. Billi ma seħħet l-ebda żieda fl-importazzjonijiet, kif stabbilit hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tirreġistrax l-importazzjonijiet ta' PET li joriġinaw mir-RPĊ matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni.

1.3. **Partijiet interessati**

(5) Fl-Avviż ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għarrfet speċifikament lill-ilmentatur, lill-produtturi l-oħrajn magħrufin tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi u lill-utenti magħrufin dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(6) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(7) Wara l-bidu, waslu kummenti mill-assoċjazzjoni Ċiniża China Petroleum and Chemical Industry Federation ("CPCIF"), mill-assoċjazzjoni tal-utenti Union of European Soft Drinks Associations ("UNESDA"), u minn importatur mhux relatat (Svepol). L-ilmentatur issottometta tweġibiet għal dawn il-kummenti.

(8) Iż-żewġ assoċjazzjonijiet affermaw li l-ilmentatur naqas milli jipprovdi sommarji mhux kunfidenzjali sinifikanti ta' informazzjoni speċifika, speċjalment fir-rigward ta' rapport tal-ICIS dwar l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-paraksilen, materja prima minn fost diversi għall-produzzjoni tal-PET, u rigward l-għeluq u l-perjodi ta' inattività tas-siti ta' produzzjoni tal-Unjoni. Il-UNESDA ddikjarat ukoll li xi annessi kienu neqsin.

(9) Il-verżjoni miftuħa tal-ilment stabbiliet il-konklużjonijiet tar-rapport tal-ICIS dwar l-evoluzzjoni tal-prezz tal-paraksilen fil-paragrafu 141, li jispjegaw li l-prezz tal-paraksilen żdied b'mod sinifikanti matul l-2022, u dan affettwa l-prezz tal-importazzjoni tal-PET mid-destinazzjonijiet kollha tal-importazzjoni. Is-sommarju tal-anness miftuħ rilevanti għall-ilment indika li dan l-anness kien fih informazzjoni dwar il-perjodi ta' inattività u l-għeluq ta' ċerti produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u l-perjodu ta' investigazzjoni ta' dan l-ilment. Il-UNESDA ma indikatx liema annessi speċifiċi kienu neqsin. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien jinkludi sommarju mhux kunfidenzjali sinifikanti tal-informazzjoni kollha li tinsab fl-ilment u l-pretensjoni ġiet miċħuda.

(10) Barra minn hekk, iż-żewġ assoċjazzjonijiet argumentaw li l-ilment kien inkonsistenti u żbaljat fir-rigward tan-numru ta' produtturi tal-PET fl-Unjoni, u affermaw f'parti mill-ilment li hemm 12-il produttur u xi mkien ieħor fl-ilment li hemm madwar 40 produttur.

(11) Kif spjegat mill-ilmentatur, din l-inkonsistenza kienet ikkawżata minn żball tipografiku. L-ilmentatur iċċara li l-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn 12-il kumpanija li jipproduċu l-PET verġni ("vPET") u li flimkien ma' dawn, hemm madwar 40 produttur iżgħar tal-Unjoni tal-PET irriċiklat ("rPET") biss. Il-kumpaniji magħrufin mill-ilmentatur ġew inklużi f'anness miftuħ għall-ilment.

(12) Il-UNESDA ddikjarat li l-indikaturi ekonomiċi dwar is-sitwazzjoni tal-industrija domestika ma humiex ippreżentati b'mod uniformi. Informazzjoni simili tirreferi għal "ilmentaturi"; "produtturi tal-UE"; "partijiet relatati"; "partijiet mhux relatati" mingħajr spjegazzjoni dwar min huwa kopert taħt kull denominazzjoni, għaldaqstant l-informazzjoni ma tistax tinftiehem. Id-*data* stmata hija pprovduta mingħajr spjegazzjoni tal-metodoloġija użata.

(13) Billi l-UNESDA ma speċifikatx f'liema partijiet eżatti tal-ilment ir-referenzi għall-atturi differenti fis-suq tal-Unjoni ma kinux jinftiehmu u liema *data* ġiet ipprovduta mingħajr spjegazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta din il-pretensjoni u għalhekk ma aċċettathiex.

(14) Il-UNESDA argumentat li l-informazzjoni pprovduta fl-ilment sabiex tiġi appoġġata l-allegazzjoni ta' theddida ta' dannu ma kinitx tinkludi *data* dwar l-industrija tal-PET li, meta tiġi kkunsidrata, tbiddel il-konklużjonijiet dwar il-fatturi ta' dannu bażiċi.

(15) L-ilment kien jinkludi *data* stmata dwar l-industrija tal-rPET fil-valutazzjoni tat-theddida tad-dannu tagħha. Din l-informazzjoni kienet ibbażata fuq ċifri dettaljati tal-kapaċità għal kull produttur tal-rPET li nkisbet mill-intelliġenza tas-suq tal-PET Europe u mill-produtturi lmentaturi, u li ġiet estrapolata għall-indikaturi l-oħra tal-ħsara (bħall-produzzjoni u l-bejgħ). L-ilmentatur irrappreżenta 11-il produttur, li prinċipalment kienu jipproduċu l-vPET. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku, ilment irid ikun fih informazzjoni li tkun disponibbli b'mod raġonevoli għall-ilmentatur. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset id-*data* stmata dwar l-industrija tal-rPET bħala evidenza suffiċjenti fl-istadju tal-ilment.

(16) Svepol saħqet li l-investigazzjoni kienet miftuħa biss sabiex telimina l-kompetizzjoni u tipproteġi l-investimenti internazzjonali tal-PET ta' wieħed mill-produtturi li lmentaw.

(17) Il-Kummissjoni qieset li din il-pretensjoni kienet sempliċiment spekulazzjoni li għaliha l-importatur ma pprovda l-ebda evidenza sostantiva. Għalhekk, hija rrifjutat il-pretensjoni.

1.5. **Kampjunar**

(18) Fl-Avviż ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(19) Fl-Avviż ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ u tal-produzzjoni tal-prodott simili fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li kienu jirrappreżentaw 35 % tal-produzzjoni totali stmata fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju.

(20) Wieħed mill-utenti, Refresco, issottometta li l-għażla kienet tkopri biss sehem żgħir mill-produzzjoni tal-PET. L-utent talab ukoll li l-kampjun jiġi estiż b'żewġ produtturi oħrajn (JBF u Plastiverd), li għandhom installazzjonijiet moderni li jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproduċu ekonomikament, li huma eqreb tal-utenti fi Franza u fi Spanja, u għalhekk ikopru parti akbar mill-produzzjoni Ewropea u ġeografikament klijentela akbar moqdija mill-produtturi.

(21) Billi għażlet l-akbar tliet produtturi u bejjiegħa tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti, il-Kummissjoni kopriet l-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u ta' bejgħ li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Il-kumpaniji magħżulin jammontaw għal 35 % tal-produzzjoni totali stmata fl-Unjoni, u għalhekk parti sostanzjali u rappreżentattiva tal-produzzjoni tal-Unjoni. L-għażla tal-produtturi li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti tiżgura wkoll kopertura ġeografika wiesgħa. Barra minn hekk, Refresco ma pprovda l-ebda evidenza li l-kumpaniji magħżulin ma kellhom l-ebda faċilità moderna bil-kapaċità li jagħmlu l-prodott b'mod aktar ekonomiku u lanqas ma spjega kif dan kien ikun kriterju rilevanti fl-għażla ta' kampjun rappreżentattiv. Għalhekk, it-talba ta' Refresco għar-reviżjoni tal-kampjun ġiet miċħuda.

(22) Il-Kummissjoni kkonkludiet li, għalhekk, il-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(23) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-Avviż ta' Bidu.

(24) Importatur mhux relatat ipprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Billi kumpanija waħda biss wieġbet, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

1.5.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(25) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-Avviż ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(26) Disa' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet gruppi ta' kumpaniji bbażati fuq l-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufin kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

(27) Wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, Hainan Yisheng Petrochemical Co Ltd, irtira l-kooperazzjoni tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissostitwixxi din il-kumpanija fil-kampjun maċ-China Resources Chemical Innovative Materials Group, li l-kwantitajiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat kif irrapportati fil-kwestjonarju tal-kampjunar kienu l-akbar fost il-bqija tal-produtturi esportaturi li kkooperaw. Il-kampjun finali ta' produtturi esportaturi kien jirrappreżenta madwar 65 % tal-esportazzjonijiet irrapportati mill-produtturi esportaturi li kkooperaw mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufin kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun finali. Ma wasal l-ebda kumment.

1.6. **Eżami individwali**

(28) Ħames produtturi esportaturi fir-RPĊ talbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma pprovda tweġiba għall-kwestjonarju.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(29) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ").

(30) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, lill-importaturi magħrufin u lill-utenti. L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([3]) fil-jum tal-bidu.

(31) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi tal-Unjoni:

— Equipolymers Gmbh, il-Ġermanja

— Indorama Ventures Europe BV, in-Netherlands

— Neo Group UAB, il-Litwanja

(b) Importaturi:

— Svepol JSC, il-Bulgarija

(c) Produtturi esportaturi fir-RPĊ:

Wankai New Materials Group ("Wankai Group"):

— Wankai New Materials Co., Ltd. ("Wankai")

— Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd. ("Chongqing Wankai")

([3]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2661

Sanfame Group:

— Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd (“Hailun”)

— Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. (“Xingye”)

— Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. (“Xingyu”)

— Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd. (“Xingtai”)

China Resources Chemical Innovative Materials Group (“CRCIM Group”):

— China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD (“CRCIM”)

— Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd. (“Zhuhai CRCIM”)

1.8. **Perjodu ta’ investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(32) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2022 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni” jew “il-PI”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2019 sa tmiem il-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu taħt kunsiderazzjoni”).

2. **PRODOTT LI QIEGĦED JIĠI INVESTIGAT, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott li qiegħed jiġi investigat**

(33) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa polietilentereftalat (“PET”), li għandu viskożità ta’ 78 ml/g jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, li bħalissa jaqa’ taħt il-kodiċi NM 3907 61 00

(34) Il-PET huwa prodott kimiku li normalment jintuża fl-industrija tal-plastik sabiex jiġu prodotti fliexken u folji. Jappartjeni għall-familja tat-termoplastiks, jiġifieri l-familja tal-plastiks li tista’ tiddewweb meta tissaħħan u tibbies meta titberred. Dawn il-karatteristiċi huma riversibbli. Jiġifieri, tista’ tissaħħan mill-ġdid, tingħata forma ġdida u ffriżata ripetutament, u b’ħekk issir kompletament riċiklabbli.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(35) Il-prodott ikkonċernat huwa PET, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“il-prodott ikkonċernat”).

2.3. **Prodott simili**

(36) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— Il-prodott li qed jiġi investigat prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ; u

— il-prodott li qed jiġi investigat, manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(37) F’dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Pretensjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(38) Ġiet riċevuta talba dwar l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni minn Jiangsu Ceville New Materials Technology Co., Ltd. (“Ceville”), produttur esportatur li jirriċikla l-PET wara l-konsum għall-produzzjoni ta’ ħbub tal-PET għal kuntatt dirett mal-ikel. Fis-sottomissjoni tiegħu, Ceville talab l-esklużjoni tal-PET riċiklat (“rPET”) mill-prodott li qed jiġi investigat billi sostna li l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi, l-użu, il-materja prima, il-proċess tal-produzzjoni, u l-produtturi tal-rPET huma differenti ħafna mill-vPET.

(39) L-ewwel nett, ta' min jinnota li, skont il-kwalità tal-proċess tar-riċiklaġġ, l-rPET u l-vPET jista' jkollhom eżattament l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi u jistgħu jkunu interskambjabbli għall-istess użi finali. It-tieni, il-PET (kemm jekk ikun vPET kif ukoll jekk rPET) fl-aħħar mill-aħħar huwa l-istess molekula komposta, u l-proċess tal-produzzjoni huwa immaterjali peress li ż-żewġ tipi tal-PET għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi. It-tielet, filwaqt li l-prodotturi tal-rPET jistgħu jkunu differenti mill-prodotturi tal-vPET u filwaqt li l-importazzjonijiet tal-rPET mir-RPĊ setgħu kienu limitati, il-Kummissjoni sabet li għadd ta' prodotturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw kellhom kemm kapaċità tal-produzzjoni tal-vPET kif ukoll tal-rPET u setgħu jesportaw u f'xi każijiet esportaw l-rPET lejn l-Unjoni matul il-PI. Ir-raba', il-vPET u l-rPET huma sostitwibbli u jikkompetu ma' xulxin. Barra minn hekk, kwalunkwe bidla fil-prezz tal-vPET taffettwa l-prezz tal-rPET u viċi versa. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Ceville ġiet miċħuda.

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(40) Fid-dawl tal-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fir-rigward tar-RPĊ, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ l-investigazzjoni fir-rigward tal-prodotturi esportaturi minn dan il-pajjiż b'konsiderazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(41) Konsegwentement, sabiex tiġbor id-*data* neċessarja għall-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fl-Avviż ta' Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-prodotturi esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu informazzjoni rigward l-inputs użati għall-produzzjoni tal-PET. Għaxar prodotturi esportaturi ssottomettew l-informazzjoni rilevanti.

(42) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Ma waslet l-ebda tweġiba mingħand il-GTĊ. Sussegwentement, il-Kummissjoni informat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tal-Avviż ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Avviż ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma wasal l-ebda kumment.

(43) Fl-Avviż ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bl-iskop li tiddetermina l-valur normali fuq il-bażi ta' prezzijiet jew ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni.

(44) Fit-12 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni informat b'nota ("l-Ewwel Nota") lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali.

(45) F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha ta' produzzjoni bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-PET. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew ta' valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat żewġ pajjiżi rappreżentattivi possibbli, jiġifieri t-Turkija u l-Malażja. Il-Kummissjoni rċiviet kummenti dwar l-Ewwel Nota mill-assoċjazzjoni tal-prodotturi Ċiniżi CPCIF, mill-importatur mhux relatat Svepol, mill-produttur esportatur Wankai Group u mill-ilmentatur.

(46) Fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti riċevuti mingħandi l-partijiet interessati fl-Ewwel Nota permezz ta' tieni nota ("it-Tieni Nota") u lill-partijiet interessati informati dwar is-sorsi rilevanti li kienet beħsiebha tuża sabiex tiddetermina l-valur normali, bil-Malażja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Infurmat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija MPI Polyester Industries Sdn. Bhd. ("MPI"), produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(47) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar it-Tieni Nota mingħand importatur mhux relatat wieħed (Svepol JSC), mingħand assoċjazzjoni tal-produtturi Ċiniżi (CPCIF) u mingħand żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun (Wankai Group u Sanfame Group).

(48) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Malażja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq li minnu jinkisbu prezzijiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-għażla huma deskritti aktar fid-dettall fit-Taqsima 3.2.2 ta' hawn taħt.

3.2. **Valur normali**

(49) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

(50) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "[f]il-każ li jiġi determinat […] li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni", u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem "SG&A").

(51) Kif huwa spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

3.2.1. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

3.2.1.1. Introduzzjoni

(52) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jistipula li d-"distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tiġi vvalutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, *inter alia*, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:

— is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;

— il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;

— politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;

— in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;

— il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;

— l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat".

(53) Peress li l-lista fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ma hijiex kumulattiva, mhux l-elementi kollha jeħtieġ li jingħataw attenzjoni għal sejba ta' distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw sabiex tintwera l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista. Madankollu, kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir abbażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni ġenerali dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur, b'mod partikolari fejn l-elementi fundamentali tal-istruttura ekonomika u amministrattiva tal-pajjiż esportatur jipprovdu lill-gvern b'setgħat sostanzjali sabiex jintervjeni fl-ekonomija b'tali mod li l-prezzijiet u l-kostijiet ma jkunux ir-riżultat tal-iżvilupp ħieles tal-forzi tas-suq.

(54) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur".

(55) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet rapport tal-pajjiż dwar ir-RPĊ ("ir-Rapport") ([4]), li juri l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'bosta fatturi ewlenin ta' produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u l-manodopera) kif ukoll f'setturi speċifiċi (bħall-azzar u s-sustanzi kimiċi). Ir-Rapport żdied mal-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu u l-partijiet interessati ġew mistidnin jirribattu, jikkummentaw, jew jissupplimentaw l-evidenza li tinsab fil-fajl tal-investigazzjoni fil-mument tal-bidu.

(56) L-ilment ipprovda evidenza addizzjonali dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-PET fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), li tikkomplementa r-Rapport. B'mod aktar speċifiku, l-ilment indika li l-prevalenza tal-Intrapriżi tal-Istat (State-Owned Enterprises, "SOEs") fir-RPĊ u l-influwenza u l-kontroll eżerċitati mill-Partit Komunista Ċiniż ("CCP") fuq l-intrapriżi privati jfissru li l-prezzijiet tal-prodott li qed jiġi investigat ma humiex iddeterminati mill-forzi tas-suq. L-ilment afferma wkoll li l-politiki intervenzjonalisti tal-Istat inaqqsu b'mod artifiċjali l-prezzijiet domestiċi tal-materja prima fir-RPĊ, u dan jirriżulta f'kostijiet aktar baxxi tal-produzzjoni ta' prodotti lesti bħall-PET.

(57) L-ilment semma wkoll li l-politiki dominanti dwar l-isjieda mill-Istat u tal-gvern intervenzjonista fis-settur privat tas-CCP irriżultaw fl-allokazzjoni mhux ibbażata fuq is-suq tar-riżorsi u fin-nuqqas ta' kompetizzjoni ġusta. Skont l-ilmentatur, l-ambjent legali fir-RPĊ iwassal għal prattiki distortivi bħall-aċċess preferenzjali għal finanzjament, għall-art, għall-enerġija, u jeżistu restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq, li jwasslu għal kapaċitajiet żejda fl-industriji mhegġin. Barra minn hekk, l-Istat u s-CCP jikkontrollaw il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fir-RPĊ u jheġġu l-allokazzjonijiet tar-riżorsi f'setturi strateġiċi. Barra minn hekk, l-ilment allega li s-CCP jeżerċita influwenza diretta fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' intrapriżi privati u tal-Istat u li l-investiment kollu tagħhom huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma ("NDRC").

(58) B'mod partikolari, l-ilmentatur irrefera għal distorsjonijiet li jikkonċernaw:

(a) Il-petroleum u materja prima oħra

L-ilment iddikjara li l-prezzijiet tal-enerġija huma distorti ħafna u ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq. B'mod partikolari, ġie allegat li l-GTĊ kien jistabbilixxi l-prezz bl-imnut għall-petroleum raffinat f'livell li ma jżommx il-pass mal-prezzijiet internazzjonali u li, mill-2013, il-prezzijiet bdew jiġu aġġustati mill-NRDC meta l-prezzijiet internazzjonali jvarjaw b'aktar minn RMB 50 għal kull tunnellata għal perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. L-ilment afferma wkoll li l-ipprezzar tal-ilma fir-RPĊ huwa baxx wisq u jista' jitqies bħala distorsjoni. Fl-aħħar nett, l-ilmentatur ikkunsidra li l-Istat jikkontrolla l-provvista, id-distribuzzjoni u s-sjieda tal-materja prima b'mod partikolari permezz tal-użu tal-kumulazzjoni ta' riżerva, it-tmexxija tal-attivitajiet ta' investiment u permezz tal-SOEs li jirrappreżentaw 52 % tal-industrija tal-materja prima fir-RPĊ.

(b) Kostijiet tal-enerġija

L-ilment irrefera għar-Rapport u fakkar fl-involviment sinifikanti tal-Istat fil-produzzjoni tal-elettriku u fid-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku. B'mod partikolari, saret referenza għall-fatt li l-prezzijiet tal-enerġija huma kkontrollati mill-Istat u li enerġija oħos hija pprovduta lil subsett ta' industriji.

(c) Kapital

L-ilment irrefera lura għar-Rapport sabiex jenfasizza li s-sistema ta' kreditu korporattiv fir-RPĊ hija affettwata minn distorsjonijiet sistemiċi sinifikanti. L-ilment irrefera wkoll għal dikjarazzjoni magħmula mid-Department of Commerce tal-Istati Uniti f'Investigazzjoni Antisussidji li skont din is-sistema finanzjarja Ċiniża hija distorta.

(d) Kostijiet lavorattivi

([4]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet tad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2.

L-ilment fakkar l-osservazzjoni tal-Kummissjoni fir-Rapport li turi li l-pagi ma jirriżultawx minn forzi normali tas-suq jew minn negozjati bejn il-kumpaniji u l-forza tax-xogħol. Hija semmiet ukoll investigazzjoni preċedenti għad-difiża tal-kummerċ li kkonfermat l-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-suq tax-xogħol fir-RPĊ. L-ilmentatur enfasizza wkoll l-impatt fuq il-kostijiet lavorattivi tas-sistema hukou, in-nuqqas ta' dritt espliċitu għall-istrajkjar u n-nuqqas ta' negozjar kollettiv indipendenti.

(e) Kostijiet tal-art

L-ilment spjega li xi dokumenti uffiċjali juru allokazzjoni tal-art li tiffavorixxi lill-SOEs u rrefera għar-Rapport u għall-investigazzjonijiet preċedenti għad-difiża tal-kummerċ sabiex jargumenta li l-prezz imħallas għad-drittijiet tal-użu tal-art huwa taħt il-valur tas-suq. Barra minn hekk, saret referenza għall-fatt li awtoritajiet oħrajn li jinvestigaw is-sitwazzjoni fir-RPĊ sabu wkoll distorsjonijiet fir-rigward tal-provvista preferenzjali tal-art.

(f) Prattiki oħrajn ta' distorsjoni fis-suq tal-PET

L-ilment enfasizza li l-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-PET hija dik tal-petrokimiċi, settur prijoritarju skont it-13 u l-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP"). Hija saħqet ukoll li l-PET jikkwalifika bħala reżina u polietilen ta' prestazzjoni għolja li huma msemmijin fl-Artikolu VIII tal-14-il FYP. Barra minn hekk, l-ilment iddikjara li l-akbar produttur tal-PTA huwa SOE. Bħala riżultat tal-politiki Ċiniżi, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-PET u tal-PTA żdiedet bejn l-2020 u l-2022 u hemm kapaċità żejda sinifikanti għall-PET, għall-PTA, u fl-industrija Ċiniża tal-kimika kollha kemm hi.

(59) Il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inklużi r-Rapport u l-evidenza addizzjonali pprovduta mill-ilmentatur, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni. Grupp wieħed ta' produtturi esportaturi asserixxa fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju li l-kumpaniji tal-grupp għamlu diversi xirjiet ta' materjali minn fornituri barranin, u għalhekk dawn saru b'valuri mingħajr distorsjoni. Madankollu, dan l-argument ma jitfax dubju fuq l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti li jikkonċernaw mhux biss il-materja prima, iżda l-proċess tal-produzzjoni tal-PET kollu kemm hu. Barra minn hekk, il-produttur esportatur inkwistjoni xtara wkoll materja prima mis-suq domestiku u ma pprovda l-ebda dettall ieħor sabiex jissostanzja l-affermazzjoni tiegħu.

(60) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a), il-punt (b), tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fir-Rapport, li hija bbażata fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti inkluż il-prodott li qiegħed jiġi investigat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti biex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ.

3.2.1.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ

(61) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa minqux fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju ewlieni huwa s-"sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda mill-poplu kollu u s-sjieda kollettiva mill-persuni li jaħdmu". L-ekonomija tal-Istat hija l-"forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali", u l-Istat għandu l-mandat "li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha" ([5]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija, iżda dawn l-interventi huma obbligatorji b'mod espliċitu. Il-kunċett tas-supremazija tas-sjieda pubblika fuq dik privata huwa mifrux fis-sistema ġuridika kollha u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fl-atti leġiżlattivi prinċipali kollha. Il-liġi Ċiniża fil-qasam tal-proprjetà hija eżempju ċarissimu: din tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bil-ħarsien tas-sistema ekonomika bażika li skontha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħrajn ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([6]).

([5]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 6-7.
([6]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 10.

(62) Barra minn hekk, skont id-dritt Ċiniż, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbuta ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jifformaw sovrastruttura fejn ma ssirx distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda tal-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza diġà eżistenti tad-dispożizzjoni: "[i]s-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina", iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li taqra: "[il-]karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hija t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina." ([7]) Dan juri l-kontroll mhux iddubitat u dejjem jikber tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ. Din it-tmexxija u l-kontroll huma inerenti għas-sistema Ċiniża u jmorru ferm lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali f'pajjiżi oħrajn fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku ġenerali li fil-limitazzjonijiet tiegħu joperaw forzi tas-suq ħieles.

(63) L-Istat Ċiniż iħaddem politika ekonomika intervenzjonista biex jilħaq għanijiet, li jikkoinċidu mal-aġenda politika stabbilita mis-CCP minflok ma jkunu jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti f'suq ħieles ([8]). Huma bosta l-għodod ekonomiċi intervenzjonisti użati mill-awtoritajiet Ċiniżi, u fosthom hemm is-sistema tal-ippjanar industrijali, is-sistema finanzjarja, kif ukoll il-livell tal-ambjent regolatorju.

(64) L-ewwel nett, fil-livell tal-kontroll amministrattiv ġenerali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija regolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. Dawn il-pjanijiet kollha jkopru matriċi komprensiva u kumplessa ta' setturi u ta' politiki trażversali u huma preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma spjegati fid-dettall, filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġati l-industriji/is-setturi rilevanti, kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet għadhom jinkludu miri tal-output espliċiti. Skont il-pjanijiet, qegħdin jiġu identifikati setturi u/jew proġetti industrijali individwali bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) f'konformità mal-prijoritajiet tal-gvern, u qegħdin jiġu attribwiti lilhom għanijiet ta' żvilupp speċifiċi (titjib industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, privati u dawk tal-Istat kollha kemm huma jridu jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Dan ma huwiex biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Ċiniżi rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema tal-pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, u b'hekk jisfurzaw lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet (ara wkoll it-Taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt) ([9]).

(65) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja tar-RPĊ hija ddominata mill-banek kummerċjali u ta' politika tal-Istat. Dawk il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw il-politika tas-self tagħhom iridu jallinjaw lilhom infushom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (ara wkoll it-taqsima 3.2.1.8 ta' hawn taħt) ([10]). L-istess japplika għall-komponenti l-oħrajn tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Barra minn hekk, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li ma humiex xprunati biex itejbu l-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji, iżda biex jiżguraw il-kontroll u jippermettu l-intervent mill-istat u mis-CCP ([11]).

(66) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta' forom. Pereżempju, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk jimminaw il-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha ma hijiex definita, u għalhekk tħalli marġni ta' apprezzament wiesa' għall-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet ([12]). B'mod simili, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor kemm tal-investiment tal-Istat kif ukoll ta' dak privat. L-iskrinjar tal-investiment, kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġati għanijiet ta' politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([13]).

([7]) Disponibbli fuq: Constitution of the People's Republic of China (npc.gov.cn) (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).
([8]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 20-21.
([9]) Ir-Rapport – Kapitolu 3, p. 41, 73-74.
([10]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 120-121.
([11]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 122-135.
([12]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 7, p. 167-168.
([13]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 8, p. 169-170, 200-201.

(67) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi, li jipprevedu u jinkoraġġixxu bosta interventi mill-gvern. Tali interventi sostanzjali mill-gvern huma f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq, li jirriżulta fid-distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([14]).

3.2.1.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni li f'estent sinifikanti huwa moqdi minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

(68) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u/jew is-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija. Fis-settur tal-prodott li qed jiġi investigat, il-grad ta' sjieda tal-Istat għadu sinifikanti, b'numru ta' produtturi tal-PET li huma kompletament jew parzjalment proprjetà tal-Istat, bħal: Zhuhai China Resources Chemical Innovative MATERIALS Co., Ltd (100 % proprjetà taċ-China Resources Group, SOE Ċentrali ([15])) jew Sinopec, produttur tal-PTA (fl-aħħar mill-aħħar 100 % proprjetà ta' SASAC ([16])). Minħabba li l-interventi tas-CCP fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali saru n-norma anke f'kumpaniji privati ([17]), bis-CCP li jasserixxi t-tmexxija tiegħu fuq kważi kull aspett tal-ekonomija tal-pajjiż, l-influwenza tal-istat permezz ta' strutturi tas-CCP fi ħdan il-kumpaniji effettivament tirriżulta f'sitwazzjoni li fiha l-operaturi ekonomiċi jkunu taħt kontroll u taħt superviżjoni politika tal-gvern, fid-dawl ta' kemm l-istrutturi tal-istat u tal-Partit kibru flimkien fir-RPĊ.

(69) Livell simili ta' kontroll u ta' rviżjoni tal-politika jista' jiġi osservat fil-livell tal-assoċjazzjonijiet rilevanti tal-industrija, bħaċ-China Petrochemical and Chemical Industry Federation ("CPCIF") li hija l-assoċjazzjoni settorjali tal-industrija. Skont l-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-CPCIF, l-organizzazzjoni "taċċetta l-gwida, is-superviżjoni u l-ġestjoni professjonali mill-entitajiet responsabbli mir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni, mill-entitajiet responsabbli mill-bini tal-Partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti responsabbli mill-ġestjoni tal-industrija" ([18]). Barra minn hekk, iċ-China Chemical Enterprise Management Association ("CCEMA") li tikkaratterizza lilha nnifisha bħala organizzazzjoni li tinkludi "aktar minn 200 unità membru tal-assoċjazzjoni huma intrapriżi fundamentali fl-industrija tal-kimika" ([19]) tiddikjara fl-Artikolu 2 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha li hija ""tibbaża fuq il-Kostituzzjoni, fuq il-liġijiet, fuq ir-regolamenti u fuq il-politiki nazzjonali, tipprattika l-valuri ewlenin tas-soċjaliżmu, tippromwovi l-ispirtu ta' patrijottiżmu, tirrispetta l-moralità soċjali, u ssaħħaħ konxjament il-kostruzzjoni tal-integrità u tal-awtodixxiplina". Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni, is-CCEMA "tistabbilixxi organizzazzjoni tal-Partit Komunista taċ-Ċina, twettaq attivitajiet tal-partit, u tipprovdi l-kundizzjonijiet neċessarji għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit" u – bħal fil-każ tas-CPCIF – "taċċetta l-gwida kummerċjali, is-superviżjoni u l-ġestjoni mill-entitajiet responsabbli mir-reġistrazzjoni u mill-ġestjoni, mill-entitajiet responsabbli mill-bini tal-partit, kif ukoll mid-dipartimenti amministrattivi rilevanti inkarigati mill-ġestjoni tal-industrija" ([20]).

(70) Konsegwentement, anke l-produtturi privati fis-settur tal-prodott li qiegħed jiġi investigat ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Fil-fatt, kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika kif stabbilit ukoll fit-taqsima 3.2.1.5 ta' hawn taħt.

([14]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 15-16, Ir-Rapport – Il-Kapitolu 4, p. 50, p. 84, Ir-Rapport – Il-Kapitolu 5, p. 108-109.
([15]) Ara: http://file.finance.sina.com.cn/211.154.219.97:9494/MRGG/CNSESZ_STOCK/2023/2023-4/2023-04-25/9052858.PDF (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).
([16]) Ara: http://en.sasac.gov.cn/.
([17]) Ara pereżempju l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni tas-CCP, l-Artikolu 19 tal-Linji Gwida dwar il-Liġi Ċiniża tal-Kumpaniji jew il-Linji Gwida tal-Kumitat Ċentrali tal-Uffiċċju Ġenerali tas-CCP dwar it-tisħiħ tal-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat għall-era l-ġdida (ara hawn taħt għal referenza shiha).
([18]) Ara: http://www.cpcif.org.cn/detail/40288043661e27fb01661e386a3f0001?e=1 (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).
([19]) Ara: http://www.ccema.org.cn/wzsy (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).
([20]) Ara: http://www.ccema.org.cn/xhzc (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

3.2.1.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

(71) Minbarra li jeżerċita kontroll fuq l-ekonomija permezz tal-SOEs u għodod oħrajn, il-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' membri kruċjali tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti ([21]), iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw mezz importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet tan-negozju. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha tal-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([22])) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, tal-anqas mill-2016, is-CCP qiegħed isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu sabiex jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku ([23]), inkluż l-eżerċitar ta' pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit ([24]). Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-Partiti f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([25]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(72) Barra minn hekk, fil-15 ta' Settembru 2020 inħareġ dokument bit-titolu "General Office of CCP Central Committee's Guidelines on stepping up the United Front work in the private sector for the new era" ("il-Linji Gwida") ([26]), li kompla jespandi r-rwol tal-kumitati tal-partit f'intrapriżi privati. It-Taqsima II.4 tal-Linji Gwida tiddikjara: "jeħtiġilna nżidu l-kapaċità ġenerali tal-Partit sabiex imexxi l-ħidma tal-Front Magħqud fis-settur privat u nsaħħu b'mod effettiv il-ħidma f'dan il-qasam"; u t-Taqsima III.6: "[i]rridu nżidu ulterjorment il-bini tal-Partit f'intrapriżi privati u nippermettu liċ-ċelloli tal-Partit jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv bħala fortizza u nippermettu lill-membri tal-Partit iwettqu r-rwoli tagħhom bħala gwardji u pijunieri." Għalhekk, il-Linji Gwida jenfasizzaw u jfittxu li jżidu r-rwol tas-CCP fil-kumpaniji u f'entitajiet oħrajn tas-settur privat ([27]).

(73) L-investigazzjoni kkonfermat li t-trikkib bejn il-karigi maniġerjali u s-sħubija fis-CCP/il-funzjonijiet fil-Partit huma komuni fis-settur tal-PET. Il-maniġer ġenerali ta' Chongqing Wankai New Materials huwa wkoll is-segretarju tal-fergħa tas-CCP. Il-Viċi President tal-bord tad-diretturi u l-maniġer ġenerali ta' Jiangsu Sanfame Ltd huwa membru tas-CCP. Il-kumpanija ffirmat ukoll ftehim mal-kumitat tas-CCP tal-belt ta' Zhouzhuang (Jiangsu). Chongqing Wankai New Materials qed tipparteċipa wkoll f'kumitat konġunt tas-CCP flimkien ma' kumpaniji oħra tul il-katina tal-industrija u mal-awtoritajiet distrettwali, li juri kif l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jsawru l-katina kollha tal-industrija permezz ta' organizzazzjonijiet tas-CCP. ([28])

(74) L-interferenza tas-CCP fid-deċiżjonijiet kummerċjali hija evidenti wkoll fil-livell tal-grupp, bħala riżultat mid-dikjarazzjonijiet korporattivi disponibbli. Ir-rapport annwali tal-2022 tal-Grupp Sinopec, produttur tal-PTA, jindika li "l-kumpanija kontinwament ittejjeb il-kwalità tax-xogħol tal-bini tal-partit, tagħti spinta lill-ispirtu tal-impjegati, issaħħaħ ix-xogħol ta' spezzjoni tad-dixxiplina u ta' superviżjoni, tgħin lill-bord tad-diretturi jimplimenta b'mod effettiv diversi deċiżjonijiet u arranġamenti, u tippromwovi l-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-kumpanija" ([29]), filwaqt li s-sit web ta' Sinopec jiddeskrivi r-rwol tal-Partit fi ħdan il-Grupp kif ġej: "isaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fil-proċess tat-titjib tal-governanza korporattiva, […] jippromwovi l-organizzazzjoni tal-Partit sabiex jiddeċiedi dwar il-lista ta' kwistjonijiet ewlenin rigward il-bini tal-Partit u aspetti oħrajn, u jippermetti lill-organizzazzjoni tal-Partit sabiex tagħmel preriċerka u tiddiskuti l-lista ta' kwistjonijiet ewlenin għan-negozju u għall-ġestjoni li fl-istess ħin huma

([21]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 5, p. 100-101.
([22]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 26.
([23]) Ara pereżempju: Blanchette, J. – Xi's Gamble: *The Race to Consolidate Power and Stave off Disaster*; Foreign Affairs, vol. 100, nru. 4, Lulju/Awwissu 2021, pp. 10-19.
([24]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 2, p. 31-32.
([25]) Disponibbli hawn: https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).
([26]) Disponibbli hawn: www.gov.cn/zhengce/2020-09/15/content_5543685.htm (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).
([27]) Chinese Communist Party asserts greater control over private enterprise, disponibbli hawn: https://on.ft.com/3mYxP4j (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).
([28]) Ara hawn: http://www.fl.gov.cn/zwxx_206/ywdt/202307/t20230703_12113878.html (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).
([29]) Ara hawn: http://www.sinopec.com/listco/Resource/Pdf/2023032507.pdf, p. 26 (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

koperti mill-ġestjoni tal-kontroll intern, li għandhom jiġu inkorporati […] fil-lista ta' kwistjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex tiġi żviluppata sistema ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' informazzjoni tal-kwartieri ġenerali li trawwem l-istabbiliment ta' lista ta' kompetenzi tad-deċiżjonijiet, l-inklużjoni ta' din il-lista fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-informatizzazzjoni ta' dan il-proċess. Jieħu l-preriċerka u d-diskussjoni ta' kwistjonijiet ewlenin dwar il-ġestjoni tan-negozju bħala aspett importanti tal-prestazzjoni sħiħa tad-dmirijiet ta' tmexxija tal-grupp tal-Partit […]" ([30]).

(75) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll 3.2.1.8 ta' hawn taħt) kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u ta' inputs għandhom effett distorsiv addizzjonali fuq is-suq ([31]). B'hekk, il-preżenza tal-Istat fid-ditti, fis-setturkimiku u petrokimiku u f'industriji oħrajn (bħall-industriji finanzjarji u tal-inputs) tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

3.2.1.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(76) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija determinata b'mod sinifikanti minn sistema elaborata ta' pjanar li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li fuqhom iridu jiffokaw il-gvernijiet ċentrali u lokali. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru prattikament is-setturi ekonomiċi kollha. L-objettivi stabbiliti mill-istrumenti ta' ppjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jintbagħtu lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jiġu allokati skont il-forzi tas-suq ([32]).

(77) L-awtoritajiet Ċiniżi ppromulgaw numru ta' politiki li jiggwidaw il-funzjonament tas-settur tal-prodott li qed jiġi investigat. L-ewwel nett, il-PET huwa inkluż fost il-materjali petrokimiċi avvanzati u fost il-materjali avvanzati tal-industrija ħafifa koperti mill-Pjan Direzzjonali għall-2025 Made in China ([33]). Barra minn hekk, l-industrija tal-PET hija elenkata fost l-industriji li għandhom jitħeġġu bħal taħt il-kategoriji tal-industrija ħafifa u tal-industrija tat-tessuti fil-Katalogu ta' Gwida tal-2019 għall-aġġustment strutturali tal-industrija. Dan jindika l-intenzjonijiet tal-awtoritajiet li joħolqu ambjent regolatorju li jwassal għall-iżvilupp tas-settur, li potenzjalment iwitti wkoll it-triq għall-aċċess tal-industrija għal finanzjament ([34]). Il-Katalogu ta' Gwida tal-2019 għall-aġġustament strutturali tal-industrija jelenka wkoll xi unitajiet ta' produzzjoni tal-PET konvenzjonali speċifiċi (produzzjoni ta' polimerizzazzjoni kontinwa b'kapaċità ta' linja waħda ta' anqas minn 200 000 tunnellata fis-sena) bħala segment tal-industrija li għandu jiġi ristrett li jfisser li l-GTĊ jfittex li jikkontrolla strettament l-iżvilupp tiegħu. ([35]) Fl-istess ħin, il-PET (teknoloġija u tagħmir tal-produzzjoni konvenzjonali tal-polimerizzazzjoni ta' lottijiet tal-poliester) huwa elenkat ukoll fost l-industriji li għandhom jiġu eliminati u dan ifisser li l-GTĊ jappoġġa ż-żarmar tiegħu sabiex jiżgura t-titjib tal-industrija u jkompli juri l-involviment tal-GTĊ fis-settur barra minn hekk. Barra minn hekk, l-14-il FYP dwar il-materja prima ([36]) jindirizza direttament is-settur petrokimiku billi jiddikjara li "f'setturi inklużi l-petrokimiċi u s-sustanzi kimiċi, l-azzar, il-metalli mhux ferruġi, u l-materjali tal-bini, għandna nrawmu numru ta' intraprizi pijunieri tal-katina industrijali li jeżerċitaw tmexxija fuq l-ekosistema u kkaratterizzati minn kompetittività ċentrali, […]. Ir-rwol ta' gwida tal-intraprizi ewlenin fis-setturi tal-materjali kimiċi u tal-bini għandu jiġi ingranat sabiex jippromwovi r-riforma u r-ristrutturar korporattiv,".

([30]) Ara hawn: http://www.sinopecgroup.com/group/gywm/ddjs.shtml http://jscc.sinopec.com/jscc/about_us/teammanagement/ (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).).

([31]) Ir-Rapport – Il-Kapitoli 14.1 sa 14.3.

([32]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 4, p. 41-42, 83.

([33]) Ara, p. 145 u 147 tal-Pjan Direzzjonali għall-2025 Made in China disponibbli fuq: https://www.cae.cn/cae/html/files/2015-10/29/20151029105822561730637.pdf (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).

([34]) Ara p. 44 u 47 tal-Katalogu ta' Gwida tal-2019 għall-aġġustament strutturali tal-industrija disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).

([35]) Ibid. p. 115.

([36]) L-14-il FYP dwar il-materja prima, it-Taqsimiet IV.2 u VIII.1. Disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/tz/art/2021/art_2960538d19e34c66a5eb8d01b74cbb20.html (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

(78) L-14-il FYP isemmi wkoll li "setturi petrokimiċi u kimiċi, tal-azzar u setturi ewlenin oħrajn għandhom ifasslu opinjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni bbażati fuq l-objettivi u fuq il-kompiti ta' dan il-Pjan u fuq il-kundizzjonijiet attwali fis-setturi msemmijin hawn fuq". Barra minn hekk, l-Opinjoni ta' Gwida dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-petrokimika u tal-kimika ([37]) tipprovdi għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-provvista ta' polimeri u ta' sustanzi kimiċi ta' speċjalità ta' livell għoli, kif ukoll għall-aċċellerazzjoni tal-ħruġ ta' kapaċità tal-produzzjoni ineffiċjenti u b'lura.

(79) Fil-livell provinċjali, l-14-il FYP ta' Shandong dwar l-iżvilupp tal-industrija tal-kimika ([38]) jitlob lill-awtoritajiet lokali sabiex "joħolqu t-trasformazzjoni teknoloġika tal-intrapriżi eżistenti, itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, u jtejbu l-kompetittività ċentrali tal-intrapriżi. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-intrapriżi sabiex jirtiraw mill-parks, jeliminaw b'mod reżolut il-kapaċità tal-produzzjoni obsoleta, jikkontrollaw b'mod strett il-kapaċità tal-produzzjoni ristretta, u jimplimentaw politiki u miżuri differenzjati għall-allokazzjoni ta' fatturi ta' riżorsi bħall-art, l-elettriku u l-ilma sabiex l-intrapriżi jiġu mġegħlin jittrasformaw u jiżviluppaw". Jappella wkoll sabiex "jiżdied l-appoġġ finanzjarju. It-tisħiħ tal-inċentivi tal-politika fiskali, il-koordinazzjoni u l-involviment ta' fondi speċjali, l-appoġġ lill-kumpaniji kimiċi sabiex jaċċelleraw it-trasformazzjoni teknoloġika, it-trasformazzjoni intelliġenti, it-trasferimenti industrijali, ir-rilokazzjoni f'parks, l-eliminazzjoni ta' tagħmir obsolet, eċċ., u l-implimentazzjoni ta' eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għall-importazzjonijiet ta' tagħmir tekniku ewlieni, ta' rifużjonijiet tal-VAT, ta' politiki ta' riċerka u żvilupp bħal tnaqqis addizzjonali tal-ispejjeż u kumpens tal-assigurazzjoni għall-ewwel sett ta' tagħmir tekniku. L-iggwidar b'mod attiv ta' diversi istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kapital soċjali għall-investiment fl-industrija tal-kimika, l-isfruttar tal-vantaġġi tal-finanzjament tal-politika, tal-finanzjament tal-iżvilupp u tal-finanzjament kummerċjali, u ż-żieda tal-appoġġ finanzjarju għall-oqsma ewlenin tat-teknoloġija kimika".

(80) Bl-istess mod, l-14-il FYP dwar l-iżvilupp ta' livell għoli tal-industrija tal-kimika ([39]) tippromwovi l-ipproċessar intensiv tal-materja prima bażika inkluż l-iżvilupp downstream tal-PTA.

(81) Eżempju ieħor ta' politiki pubbliċi li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles huwa l-Opinjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp u għar-Riforma tal-Provinċja ta' Fujian dwar il-promozzjoni ta' żvilupp ta' kwalità għolja tal-industriji tal-petrokimika u tal-kimika u l-aċċellerazzjoni tal-ħolqien ta' industrija tal-pilastri li tiswa triljun dollaru ([40]) li tipprovdi li "sal-2025, l-intrapriżi petrokimiċi u kimiċi dežinjati tal-provinċja għandhom jiksbu introjtu operatorju li jaqbeż it-RMB 1 triljun, jaċċelleraw il-ħolqien ta' sitt raggruppamenti industrijali karatteristiċi, u jagħmlu ħilithom sabiex ikollhom 4 parks tal-industrija tal-kimika (żoni kkonċentrati) b'introjtu operatorju li jaqbeż il-RMB 100 biljun, u 8 parks tal-industrija tal-kimika (żoni kkonċentrati) b'introjtu operatorju li jaqbeż l-RMB 10 biljun" u li "sal-2025, ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-valur tal-output tal-parks tal-industrija tal-kimika (żoni ta' konċentrazzjoni) għandha tiżdied għal aktar minn 70 %. Il-katina tal-industrija tal-petrokimika għandha tkompli testendi u ttejjeb, tiżviluppa fid-direzzjoni ta' materjali kimiċi ġodda, prodotti petrokimiċi ta' livell għoli, u sustanzi kimiċi fini, u l-proporzjon ta' prodotti b'valur miżjud għoli għandu jkompli jiżdied". Jipprevedi wkoll li l-awtoritajiet għandhom "jikkultivaw b'ħeġġa grupp ta' intrapriżi ewlenin b'kompetittività ċentrali. It-tħeġġiġ ta' kumpaniji petrokimiċi u kimiċi ewlenin sabiex ikomplu jikkonċentraw, itejbu l-effiċjenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi permezz ta' fużjonijiet u riorganizzazzjonijiet, u jkomplu jestendu l-katina industrijali. Appoġġ lill-intrapriżi eliġibbli sabiex japplikaw għal u jiffokaw fuq li jiġu inklużi fl-intrapriżi ta' riżerva provinċjali elenkati ewlenin u jipprovdu premji għall-elenkar f'fażijiet f'konformità mal-politika provinċjali dwar l-inċentivi finanzjarji għall-intrapriżi ta' riżerva provinċjali elenkati ewlenin; jekk l-introjtu operatorju annwali tal-intrapriża jaqbeż RMB 10 biljun għall-ewwel darba, l-amministrazzjoni tal-finanzi provinċjali għandha tagħti premju ta' darba ta' RMB 3 miljun. L-appoġġ lill-intrapriżi eliġibbli sabiex joħorġu diversi strumenti ta' finanzjament b'bonds bħal noti ta' terminu medju, bonds ta' finanzjament ta' terminu qasir, bonds tal-intrapriżi u bonds korporattivi. L-appoġġ għall-elenkar, għall-finanzjament u għar-rifinanzjament ta' intrapriżi ewlenin eliġibbli ta' kwalità għolja".

(82) Għalhekk, permezz ta' dawn l-istrumenti u mezzi oħrajn, il-GTĊ jidderieġi u jikkontrolla kważi kull aspett tal-iżvilupp u tal-funzjonament tas-settur tal-prodott li qed jiġi investigat, kif ukoll tal-inputs upstream.

(83) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ sabiex iħeġġeġ lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jikkonċernaw l-industrija tal-kimika u l-industrija tal-PET. Dawn il-miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

([37]) L-Opinjoni ta' Gwida dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-petrokimika u tal-kimika 2022/34, disponibbli fuq: https://www.miit.gov.cn/zwgk/zcwj/wjfb/yj/art/2022/art_4ef438217a4548cb98c2d7f4f091d72e.html (aċċessat fit-22 ta' Ottubru 2023).

([38]) Ara fuq: http://gxt.shandong.gov.cn/module/download/downfile.jsp?classid=0&filename=17e54531cb74483596b5cca1a40ec8d8.pdf. (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

([39]) Ara fuq: http://gxt.jiangsu.gov.cn/art/2021/9/3/art_6197_10099378.html (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

([40]) Ara fuq: http://www.qg.gov.cn/zwgk/zcfg/sjfgwj/202208/t20220829_2769471.htm (aċċessat fit-12 ta' Ottubru 2023).).

3.2.1.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà

(84) Skont l-informazzjoni fil-fajl, is-sistema Ċiniża dwar il-falliment ma timplimentax b'mod adegwat l-objettivi ewlenin tagħha bħal pereżempju s-saldu ġust tal-pretensjonijiet u tad-dejn u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-interessi legali tal-krediturі u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tibbaża formalment fuq prinċipji simili għal dawk li jiġu applikati f'liġijiet korrispondenti f'pajjiżi oħrajn minbarra r-RPĊ, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. In-numru ta' fallimenti għadu magħruf li huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-anqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza għandhom numru ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għall-infilzar ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu b'saħħtu u attiv, fejn spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti ([41]).

(85) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprjetà huma partikolarment evidenti fir-rigward tas-sjieda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([42]). L-art kollha hija proprjetà tal-Istat (art rurali bi sjieda kollettiva u art urbana proprjetà tal-Istat) u l-allokazzjoni tagħha tibqa' tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet ta' użu tal-art b'mod trasparenti u bil-prezzijiet tas-suq, pereżempju billi jintroduċu proċeduri għall-offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jiġux irrispettati b'mod regolari, u ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew b'rati aktar baxxi mir-rati tas-suq ([43]). Barra minn hekk, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art ([44]).

(86) L-istess bħas-setturi l-oħrajn fl-ekonomija Ċiniża, il-produtturi tal-prodott li qed jiġi investigat huma soġġetti għar-regoli ordinarji dwar il-liġi Ċiniża dwar il-falliment, il-kumpaniji u l-proprjetà. L-effett ta' dan huwa li anke dawn il-kumpaniji huma soġġetti għad-distorsjonijiet minn fuq għal isfel li jirriżultaw mill-applikazzjoni diskriminatorja jew mill-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà. Dawk il-kunsiderazzjonijiet, ibbażati fuq l-evidenza disponibbli, jidhru li huma applikabbli bis-sħiħ ukoll fis-settur tal-industrija tal-kimika. Din l-investigazzjoni ma żvelat xejn li jqajjem dubji dwar dawn is-sejbiet.

(87) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-prodott li qed jiġi investigat.

3.2.1.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(88) Ma huwiex possibbli li fir-RPĊ tiżviluppa bis-sħiħ sistema ta' pagi bbażata fuq is-suq peress li d-drittijiet ta' organizzazzjoni kollettiva tal-ħaddiema u tal-impjegaturi huma mxekkla. Ir-RPĊ ma rratifikatx numru ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod partikolari dawk dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([45]). Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni ta' trade union waħda biss hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni ma hijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([46]). Barra minn hekk, il-mobilità tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta mis-sistema ta' reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita

([41]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 138-149.
([42]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 216.
([43]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 213-215.
([44]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 9, p. 209-211.
([45]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 332-337.
([46]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 336.

l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkunux fil-pussess tar-reġistrazzjoni tar-residenza lokali, u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([47]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.

(89) Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li turi li l-industrija tal-kimika u tal-PET ma hijiex soġġetta għas-sistema Ċiniża deskritta dwar il-liġi tax-xogħol. Għalhekk, is-settur huwa affettwat mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tiegħu) kif ukoll indirettament (f'termini ta' aċċess għall-kapital jew għal inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

3.2.1.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(90) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet. L-ewwel nett, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([48]), li, meta jagħtu aċċess għal finanzjament, iqisu kriterji oħrajn għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbutin mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([49]) u, għal darb'oħra eżatt bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplimentaw b'mod regolari ordnijiet pubbliċi mfassla mill-GTĊ. Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([50]). Dan huwa amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi magħżula mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([51]).

(91) Filwaqt li huwa rikonoxxut li diversi dispożizzjonijiet legali jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza massiva, inklużi s-sejbiet li saru fl-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ ([52]), tissuġġerixxi li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali.

(92) Pereżempju, il-GTĊ iċċara li anke d-deċiżjonijiet bankarji kummerċjali privati jridu jiġu ssorveljati mis-CCP u jibqgħu konformi mal-politiki nazzjonali. Wieħed mit-tliet għanijiet ġenerali tal-Istat fir-rigward tal-governanza bankarja issa huwa li tissaħħaħ it-tmexxija tal-Partit fis-settur bankarju u tal-assigurazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali u ta' ġestjoni ([53]). Barra minn hekk, il-kriterji tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali issa għandhom iqisu, b'mod partikolari, kif l-entitajiet "jaqdu l-objettivi ta' żvilupp nazzjonali u l-ekonomija reali", u b'mod partikolari kif "jaqdu l-industriji strateġiċi u emerġenti" ([54]).

([47]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 13, p. 337-341.
([48]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 114-117.
([49]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 119.
([50]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 120.
([51]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.
([52]) Ara: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 tal-24 ta' Frar 2021 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 65, 25.2.2021, p. 1), il-premessi 71-75, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2287 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2170 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' fojl tal-aluminju għall-modifikazzjoni li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 344), il-premessi 151-188.
([53]) Ara d-dokument ta' politika uffiċjali tal-Kummissjoni Regolatorja taċ-Ċina dwar l-Attività Bankarja u l-Assigurazzjoni (CBIRC) tat-28 ta' Awwissu 2020: *Il-pjan ta' azzjoni ta' tliet snin għat-titjib tal-governanza korporattiva tas-setturi bankarji u tal-assigurazzjoni (2020-2022)*, disponibbli fuq: http://www.cbirc.gov.cn/cn/view/pages/ItemDetail.html?docId=925393&itemId=928 (aċċessat fit-22 ta' Marzu 2023). Il-Pjan jagħti struzzjonijiet biex "jiġi implimentat ulterjorment l-ispirtu inkorporat fid-diskors ewlieni tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping dwar l-avvanz fir-riforma tal-governanza korporattiva tas-settur finanzjarju". Barra minn hekk, it-Taqsima II tal-Pjan għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni organika tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva: "għandna nagħmlu l-integrazzjoni tat-tmexxija tal-Partit fil-governanza korporattiva aktar sistematika, standardizzata u bbażata fuq il-proċeduri […] Il-Kumitat tal-Partit jeħtieġlu jkun iddiskuta kwistjonijiet operazzjonali u maniġerjali ewlenin qabel ma jiġu deċiżi mill-Bord tad-Diretturi jew mill-maniġment superjuri."
([54]) Ara l-Avviż dwar il-Metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-banek kummerċjali tas-CBIRC, maħruġa fil-15 ta' Diċembru 2020. http://jrs.mof.gov.cn/gongzuotongzhi/202101/t20210104_3638904.htm (aċċessat fit-22 ta' Marzu 2023).

(93) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss ikunu soġġetti għal distorsjoni għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern. L-istimi jissuġġerixxu bil-qawwa li l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu Ċiniżi jikkorrispondu b'mod sistematiku ma' klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi ([55]).

(94) Dan huwa amplifikat permezz ta' regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi lejn setturi magħżula mill-gvern bħala mħeġġa jew li b'xi mod ieħor huma importanti ([56]). Dan jirriżulta f'tendenza favur li jingħata self lill-SOEs, lil ditti privati kbar u b'konnessjonijiet tajbin u lil ditti f'setturi industrijali ewlenin, u dan jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital ma humiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(95) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali sabiex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv ta' investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan huwa muri mit-tkabbir fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis qawwi fil-profittabilità, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi operati fis-sistema bankarja ma jsegwux risponsi kummerċjali normali.

(96) It-tielet, għalkemm f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni nominali tar-rata tal-imgħax, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Is-sehem ta' self fir-rata ta' referenza jew taħtha kien għadu jirrappreżenta mill-inqas terz tas-self kollu sa mill-aħħar tal-2018 ([57]). Il-media uffiċjali fir-RPĊ dan l-aħħar irrapportat li s-CCP talab "li r-rata tal-imgħax tas-suq tas-self titmexxa 'l isfel ([58]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi twaqqigħ tal-prezzijiet, u konsegwentement, fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(97) It-tkabbir ġenerali tal-kreditu fir-RPĊ jindika deterjorament fl-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr l-ebda sinjal ta' restrizzjoni kreditizja li tkun mistennija f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. B'riżultat ta' dan, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu, bil-GTĊ li għażel numru ta' drabi li jew jevita l-inadempjenzi, sabiex b'hekk inħolqu l-hekk imsejħin kumpaniji "żombi", jew li jittrasferixxi s-sjieda tad-dejn (eż. permezz ta' fużjonijiet jew ta' skambju ta' dejn ma' ekwità), mingħajr ma neċessarjament jelimina l-problema ġenerali tad-dejn jew jindirizza l-kawżi ewlenin tagħha.

(98) Essenzjalment, minkejja l-passi li ttieħdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiv fir-RPĊ hija affettwata minn distorsjonijiet sinifikanti bħala riżultat tar-rwol perważiv kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali.

(99) Ma tressqet l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-prodott li qed jiġi investigat ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż, tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

([55]) Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-FMI "Resolving China's Corporate Debt Problem", minn Wojciech Maliszewski, Serkan Arslanalp, John Caparusso, José Garrido, Si Guo, Joong Shik Kang, W. Raphael Lam, T. Daniel Law, Wei Liao, Nadia Rendak, Philippe Wingender, Jiangyan, Ottubru 2016, WP/16/203.

([56]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 6, p. 121-122, 126-128, 133-135.

([57]) Ara OECD (2019), OECD Economic Surveys: China 2019, OECD Publishing, Pariġi. p. 29, disponibbli fuq: https://doi.org/10.1787/eco_surveys-chn-2019-en (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

([58]) Ara: http://www.gov.cn/xinwen/2020-04/20/content_5504241.htm (aċċessat fit-12 ta' Settembru 2023).

3.2.1.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(100) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport huma karatteristika tal-ekonomija Ċiniża. L-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritti hawn fuq fit-Taqsimiet 3.2.1.2 sa 3.2.1.8 kif ukoll fil-Parti I tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija. L-istess japplika għad-deskrizzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni kif stabbilit hawn fuq fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2 u fil-Parti II tar-Rapport.

(101) Il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott li qed jiġi investigat, huma meħtieġa ċerti inputs. Meta l-produtturi tat-PET jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(102) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott li qed jiġi investigat ma humiex xierqa għall-użu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport. Fil-fatt, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tat-taħlita ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input, lejn l-input u l-bqija. F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma preżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

3.2.1.10. Konklużjoni

(103) L-analiżi stabbilita fit-taqsimiet 3.2.1.1. sa 3.2.1.9., li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali, kif ukoll fis-settur tal-prodott prodott li qed jiġi investigat, uriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott li qed jiġi investigat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, ma humiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għaliex huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi biex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.

(104) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ fil-Malażja, pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

3.2.2.1. Rimarki ġenerali

(105) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross per capita simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi tad-data tal-Bank Dinji ([59]);

— Il-produzzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat f'dak il-pajjiż;

— Id-disponibbiltà ta' data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

([59]) World Bank Open Data – Upper Middle Income, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income.

— Fejn kien hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, ingħatat preferenza, meta kien xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(106) Kif spjegat fil-premessi (44) sa (48), il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti, u indirizzaw il-kummenti li waslu mill-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tqis lill-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dan il-każ, jekk l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku tiġi kkonfermata.

3.2.2.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ

(107) Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-Bank Dinji kklassifika l-pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ bħala pajjiżi b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross. Fl-Ewwel Nota, produzzjoni mdaqqsa tal-prodott li qed jiġi investigat nstabet li teżisti biss f'seba' minn dawk il-pajjiżi, jiġifieri l-Arġentina, il-Brażil, il-Malażja, il-Messiku, it-Tajlandja, it-Turkija, u l-Afrika t'Isfel.

(108) Svepol, CPCIF u Wankai Group ipproponew li l-Vjetnam jitqies bħala l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq minkejja li dan tal-aħħar ma kklassifikax bħala pajjiż b'introjtu medju superjuri iżda argumentaw li minħabba tkabbir riċenti fl-ING *per capita*, il-Vjetnam huwa qrib il-limitu inferjuri sabiex jikkwalifika bħala pajjiż b'introjtu medju superjuri.

(109) Ir-Regolament bażiku jirrikjedi li l-pajjiż rappreżentattiv ikollu livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Meta applikat din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji kienet l-aktar sors xieraq sabiex tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit. Din il-bażi tad-*data* ppermettiet lill-Kummissjoni jkollha numru suffiċjenti ta' pajjiżi rappreżentattivi potenzjalment xierqa minn xiex tagħżel u ssib l-aktar sors xieraq ta' kostijiet u ta' prezzijiet mingħajr distorsjoni f'kull każ. Barra minn hekk, din hija klassifikazzjoni bbażata fuq kriterju oġġettiv u tintuża b'mod konsistenti fil-każijiet ta' anti-dumping kollha li fihom id-determinazzjoni tal-valur normali hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma qisitx ir-raġunijiet sabiex tiddevja mill-prattika tagħha sabiex tikkunsidra biss pajjiżi fid-definizzjoni tal-Bank Dinji ta' ekonomija b'introjtu medju superjuri. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisitx lill-Vjetnam bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.2.3. Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv

(110) Għall-pajjiżi kkunsidrati u msemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni vverifikat ulterjorment id-disponibbiltà ta' *data* pubblika, inkluża data dwar l-importazzjonijiet tal-fatturi ta' produzzjoni kif ukoll tad-*data* finanzjarja mill-produtturi tal-prodott li qiegħed jiġi investigat fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali.

(111) L-analiżi tal-importazzjonijiet tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni wriet li għad-*data* tal-Malażja biss dwar volumi rappreżentattivi mingħajr distorsjoni tal-inputs ewlenin għall-produzzjoni tal-PET (jiġifieri l-aċidu ċitriku purifikat jew il-"PTA") kif ukoll id-*data* rappreżentattiva tal-kumpaniji għall-perjodu ta' investigazzjoni kienet disponibbli għall-kuntrarju tal-Arġentina, tal-Brażil, tal-Messiku, tat-Tajlandja, tat-Turkija, u tal-Afrika t'Isfel.

(112) L-analiżi wriet ukoll li l-importazzjonijiet tal-Malażja ma kinux affettwati materjalment mill-importazzjonijiet mir-RPĊ jew minn xi wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([60]). Barra minn hekk, il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-PET huma sinifikanti fil-Malażja u ma teżisti l-ebda distorsjoni kummerċjali partikolari fuq il-fatturi ta' produzzjoni u lanqas fuq l-PET fil-pajjiż.

(113) Fir-rigward tal-produtturi f'pajjiżi rappreżentattivi u d-disponibbiltà tad-*data* tagħhom, il-Kummissjoni identifikat produttur tal-PET, MPI, li għalih kienu disponibbli riżultati finanzjarji għas-sena finanzjarja mit-tielet trimestru tal-2021 sat-tieni trimestru tal-2022, u b'hekk kopriet żewġ trimestri bil-perjodu ta' investigazzjoni.

([60]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

(114) Huwa osservat li l-MPI ma tipproduċix biss il-PET, iżda n-negozju ewlieni tiegħu huwa l-produzzjoni tal-PET. Għalhekk, l-SG&A konsolidati u l-profitt identifikati għal MPI tqiesu rappreżentattivi sabiex jiġu applikati għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(115) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar it-Tieni Nota mingħand importatur mhux relatat wieħed (Svepol JSC), mingħand assoċjazzjoni tal-produtturi Ċiniżi (CPCIF) u mingħand żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun (Wankai Group u Sanfame Group).

(116) Svepol JSC qablet mal-għażla tal-Malażja bħala l-pajjiż rappreżentattiv iżda talbet lill-Kummissjoni tiddetermina ammont raġonevoli ta' profitt u ta' S&GA fuq il-bażi ta' Recron Malaysia SDN ("Recron"). Svepol JSC u Sanfame Group argumentaw li l-iskala ekonomika ta' Recron hija eqreb għal dik miksuba mill-produtturi tal-PET fir-RPĊ milli MPI bħala produttur iżgħar tal-PET b'anqas attivitajiet ta' esportazzjoni. Barra minn hekk, id-*data* ta' Recron kienet aktar rappreżentattiva peress li kienet tkopri l-PI kollu, filwaqt li d-*data* ta' MPI kienet tkopri biss l-ewwel nofs tal-PI. Barra minn hekk. Sanfame Group argumenta li Recron, bħall-grupp Sanfame, jibda l-produzzjoni tiegħu mill-paraksilen ("PX"). CPCIF u Wankai Group esprimew il-qbil tagħhom li l-Malażja kienet tikkostitwixxi pajjiż rappreżentattiv xieraq ukoll f'termini ta' disponibbiltà ta' *data* rilevanti tal-kumpaniji bħad-*data* tal-MPI.

(117) Il-Kummissjoni nnotat li l-ebda parti ma argumentat kontra l-użu tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv. Fir-rigward tad-*data* tal-kumpanija tal-Malażja li kellha tintuża, il-Kummissjoni analizzat id-*data* ta' Recron u ta' MPI. Madankollu, din id-*data* wriet li l-SG&A ta' Recron kienu biss 1,4 % li ma jistgħux jitqiesu bħala ammont raġonevoli fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Kif Sanfame Group ammetta fis-sottomissjoni tiegħu, l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta'Recron ma tippermettix li tiġi ddeterminata b'mod preċiż ir-rilevanza tal-PET, meta mqabbla mal-fatturat totali tal-kumpanija. Kif indikat hawn fuq fil-Premessa (114), il-Kummissjoni tfittex l-eqreb indikatur disponibbli faċilment, inkluża informazzjoni konsolidata tal-produttur(i) attiv(i) fost l-oħrajn fin-negozju li jkopri l-prodott li qed jiġi investigat. Filwaqt li Recron tabilħaqq hija kumpanija fuq skala kbira, fuq is-sit web tagħha hija tindika li hija fost l-akbar kumpaniji integrati tal-poliester u tat-tessuti fid-dinja, b'enfasi fuq prodotti derivattivi kumplessi tal-poliester. Għall-kuntrarju, MPI għandha l-enfasi ewlenija tagħha fuq il-manifattura tar-reżina tal-PET. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li MPI hija l-eqreb sostitut disponibbli faċilment u ddeċidiet li ma tużax id-*data* ta' Recron. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat id-deċiżjoni tagħha li tuża d-*data* ta' MPI.

3.2.2.4. Konklużjoni

(118) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Malażja ssodisfat il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(6a)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.2.3. Is-sorsi li ntużaw sabiex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni

(119) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi ta' produzzjoni, bħall-materjali, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott li qiegħed jiġi investigat mill-produttur esportatur u stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

(120) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija kienet se tuża l-Global Trade Atlas ([61]) ("GTA") biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża d-Dipartiment tal-Istatistika tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Gvern tal-Malażja sabiex tistabbilixxi l-kostijiet lavorattivi mingħajr distorsjoni ([62]) u *data* tal-fornitur tal-elettriku Tenaga Nasional Berhad u tal-Kummissjoni tal-Enerġija tal-Malażja għall-enerġija ([63]).

(121) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-partijiet interessati li minħabba l-għadd kbir ta' fatturi tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun li pprovdew informazzjoni kompluta u l-piż negliġibbli ta' xi materja prima fil-kost totali tal-produzzjoni, dawn il-partiti negliġibbli kienu raggruppati taħt "oġġetti tal-konsum". Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat li hija se tikkalkula l-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u se tapplika dan il-perċentwal għall-kost ikkalkulat mill-ġdid tal-materja prima meta tuża l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

([61]) Global Trade Atlas, http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm
([62]) https://www.dosm.gov.my/portal-main/home
([63]) https://www.st.gov.my/en/

3.2.4. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

3.2.4.1. Fatturi ta' produzzjoni

(122) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati u miġbura matul iż-żjarat ta' verifika, il-fatturi ta' produzzjoni ("FOP") li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2 (6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 2

Fatturi ta' produzzjoni tal-PET

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-prodotti fil-Malażja	Sors tad-*data*	Valur (CNY)	Unità ta' kejl
Materja Prima				
Aċidu tereftaliku purifikat (PTA)	2917_36_00	Global Trade Atlas (GTA) ([64])	5,81	kg
Monoetilenglikol (MEG)	2905_31_00	GTA	5,74	kg
Aċidu isoftaliku (PIA)	2917_39_20	GTA	10,28	kg
Paraksileni (PX)	2902_43_00	GTA	7,50	kg
Manodopera				
Manodopera	[MHUX APPLIKABBLI]	Dipartiment tal-Istatistika tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Gvern tal-Malażja ([65])	39,64	Siegħa ta' Xogħol
Enerġija				
Elettriku	[MHUX APPLIKABBLI]	Tenaga Nasional Berhad (TNB) ([66])	[0,50-0,60]	kWh
Gass Naturali	[MHUX APPLIKABBLI]	Suruhanjaya Tenaga ([67])	1,64	m^3

3.2.4.2. Materja prima

(123) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv ta' pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA fil-livell ta' kodiċi bi 8 ċifri li miegħu żdiedu d-dazji fuq l-importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet ta' unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha bl-esklużjoni tar-RPĊ u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 ([68]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-pajjiż rappreżentattiv billi hija kkonkludiet fil-premessi (103) u (104) li f'dan il-każ

([64]) Global Trade Atlas, http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm
([65]) Id-Dipartiment tal-Istatistika tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Gvern tal-Malażja https://www.dosm.gov.my/portal-main/landingv2
([66]) Tenaga Nasional Berkellha, Ipprezzar u tariffi għall-utenti industrijali, https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1
([67]) Suruhanjaya Tenaga, https://www.st.gov.my/en/
([68]) L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jqis li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni. Il-volumi li jifdal tqiesu bħala rappreżentattivi.

(124) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produttur esportatur li kkoopera għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost attwali ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tat-trasport tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

(125) Għal numru żgħir ta' FOPs, minħabba s-sehem insinifikanti tagħhom fil-kostijiet totali tal-materja prima fil-PI, il-Kummissjoni ttrattat dawk l-FOPs bħala oġġetti konsumabbli. Il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal ta' oġġetti konsumabbli inkluż ammont negliġibbli ta' materja prima fuq il-kostijiet tal-manifattura għal kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun. Dak il-perċentwal varja minn madwar 1 % sa madwar 7 %, skont il-produttur esportatur. Il-Kummissjoni applikat dan il-perċentwal għall-kalkolu tal-valur normali tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kif xieraq.

3.2.4.3. Manodopera

(126) Is-sors li l-Kummissjoni użat sabiex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għall-kostijiet lavorattivi huwa bbażat fuq l-aktar statistika riċenti ppubblikata mid-Dipartiment tal-Istatistika tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Gvern tal-Malażja ([69]). Dan is-sors intuża sabiex tiġi ddeterminata l-paga li jirċievu l-impjegati ([70]), inklużi l-benefiċċji soċjali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali min-naħa tal-impjegati fis-settur tal-petroleum, tal-gomma kimika u tal-plastik fil-Malażja għall-perjodu ta' investigazzjoni. Dan ġie diviż bis-sigħat medji fil-ġimgħa għal kull persuna impjegata fl-2022 ([71]), imbagħad diviż għal 52 ([72]) ġimgħa tax-xogħol fil-Malażja sabiex tiġi kkalkolata paga medja riċevuta mill-impjegati fis-siegħa. Il-parti tal-impjegatur għall-kontribuzzjonijiet soċjali applikabbli ([73]) żdiedet sabiex jiġi kkalkolat il-kost lavorattiv fis-siegħa.

3.2.4.4. Elettriku

(127) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezz ta' referenza għall-elettriku billi użat il-kwotazzjoni għall-kumpaniji (utenti industrijali) fil-Malażja ppubblikata mill-kumpanija tal-elettriku Tenaga Nasional Berhad ([74]). Il-parametru referenzjarju tal-elettriku ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz għall-elettriku ppubblikat għax-xahar tal-fatturazzjoni ta' Jannar 2014 u aġġustat għall-PI bir-rata applikabbli tal-inflazzjoni tal-enerġija għall-Malażja, ippubblikata mill-Bank Dinji ([75]). Sabiex jiġi stabbilit il-kost tal-elettriku għal kull kWh:

— ir-rata tat-tariffa E1 applikabbli għat-tariffa industrijali ġenerali b'vultaġġ medju ntużat għall-produtturi li rrapportaw il-konsum tal-elettriku bħala "ġenerali",

— ir-rata tat-tariffa E2 applikabbli għat-tariffa industrijali fl-eqqel sigħat/fis-sigħat kwieti b'vultaġġ medju ntużat għall-produtturi li rrapportaw konsum tal-elettriku fl-eqqel sigħat/fis-sigħat kwieti.

Il-parametru referenzjarju ġie stabbilit għal kull kumpanija fuq il-bażi tal-konsum rispettiv fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti tal-produtturi esportaturi fil-kampjun meta disponibbli. Il-perċentwal li rriżulta ġie allokat għar-rati fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti. Jekk produttur esportatur fil-kampjun ma jagħmilx distinzjoni bejn il-konsum fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti, ġew applikati t-tariffi ġenerali għall-konsum shiħ tagħhom.

([69]) https://www.dosm.gov.my/portal-main/home
([70]) https://www.dosm.gov.my/portal-main/release-content/3ea8a244-81c4-11ed-96a6-1866daa77ef9
([71]) Statistika dwar il-ħin tax-xogħol - ILOSTAT
([72]) https://www.mida.gov.my/setting-up-content/statutory-contributions/
([73]) https://www.mida.gov.my/setting-up-content/statutory-contributions/ ; https://www.perkeso.gov.my/en/our-services/employer-employee/contributions.html; https://www.mida.gov.my/setting-up-content/human-resources-development-fund/; https://ins-globalconsulting.com/news-post/severance-pay-malaysia/
([74]) https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1
([75]) https://www.worldbank.org/en/research/brief/inflation-database

3.2.4.5. Gass naturali

(128) Il-Kummissjoni stabbiliet il-parametru referenzjarju għall-gass billi użat il-prezzijiet tal-gass għall-kumpaniji (utenti industrijali) fil-Malażja ppubblikati mill-Kummissjoni tal-Enerġija tal-Malażja (Suruhanjaya Tenaga) ([76]).

(129) Il-medji ta' kull xahar għas-sena 2021 disponibbli mis-sors ([77]) ġew aġġustati bir-rata annwali tal-inflazzjoni tas-CPI tal-enerġija ([78]) għall-Malażja għall-perjodu ta' investigazzjoni.

3.2.4.6. Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitt u deprezzament

(130) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura sabiex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni msemmijin aktar 'il fuq. Barra minn hekk, ġie kkalkolat fattur perċentwali ta' oġġetti konsumabbli inkluż numru ta' materja prima, li jirrappreżentaw biss sehem insinifikanti mill-kostijiet totali tal-materja prima, fuq il-kostijiet tal-manifattura għal kull produttur.

(131) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw ġew espressi bħala sehem mill-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrbin mill-produtturi esportaturi. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

(132) Sabiex jiġi stabbilit ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, għall-SG&A, għall-profitt u għad-deprezzament, il-Kummissjoni qagħdet fuq id-*data* finanzjarja għas-sena finanzjarja tat-tielet trimestru tal-2021 sat-tieni trimestru tal-2022 għal MPI kif estratta minn Orbis ([79]).

3.2.4.7. Il-kalkolu

(133) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(134) L-ewwel nett, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Il-Kummissjoni applikat il-kostijiet ta' unità mingħajr distorsjoni għall-konsum effettiv tal-fatturi individwali tal-produzzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera. Dawn ir-rati ta' konsum ipprovduti mill-applikant ġew ivverifikati tul il-verifika. Il-Kummissjoni mmoltiplikat il-fatturi tal-użu bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità osservata fil-pajjiż rappreżentattiv, kif deskritt fit-Taqsima 3.2.4.1.

(135) Ladarba ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni applikat l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A, il-profitt u d-deprezzament kif innotati fil-premessi (130) sa (132). Dawn ġew iddeterminati fuq il-bażi tar-rapporti finanzjarji ta' MPI kif spjegat fil-premessa (132).

(136) L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ma ġewx identifikati separatament fiċ-ċifri disponibbli tal-kont tal-profitt u t-telf ta' MPI, u għalhekk jitqiesu li huma inklużi fil-kostijiet tal-oġġetti mibjugħin.

(137) Mal-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessa preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profitt ta' MPI. L-SG&A, espressi bħala perċentwal tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħin u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 2,51 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħin u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, ammonta għal 14,84 %.

(138) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(139) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti.

([76]) https://www.st.gov.my/en/

([77]) https://www.st.gov.my/en/web/consumer/details/2/10 u https://www.st.gov.my/contents/2021/Fuel%20Prices/11%20Nov/1-%20Regulated%20piped%20gas%20prices%20as%20of%20November%202021.pdf

([78]) https://www.worldbank.org/en/research/brief/inflation-database

([79]) Orbis | Informazzjoni tal-Kumpanija madwar id-dinja | BvD (bvdinfo.com)

(140) Il-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun kienu jesportaw il-prodott ikkonċernat direttament lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, u għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li effettivament tħallas jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.4. **Tqabbil**

(141) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(142) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-immaniġġjar u għat-tagħbija, għall-iskontijiet, għall-kummissjoni, għall-kostijiet ta' kreditu u għall-imposti bankarji kif ukoll għad-differenzi fil-kanali tal-bejgħ.

3.5. **Marġnijiet tad-dumping**

(143) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(144) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati provviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġnijiet tad-dumping medji ponderati provviżorji
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	16,0 %
China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %
Wankai New Materials Group: — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	22,6 %

(145) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(146) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 19,7 %.

(147) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi.

(148) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa baxx minħabba li l-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 76 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-PI, skont l-istatistiki tal-Eurostat. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset bħala xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-ogħla marġni misjub fost l-entitajiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

(149) Il-marġnijiet tad-dumping provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping provviżorju
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	16,0 %
China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %
Wankai Group — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	22,6 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	19,7 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,2 %

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(150) Il-prodott simili kien immanifatturat minn madwar 60 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(151) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 3 250 elf tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni mill-ilmentatur, mill-assoċjazzjoni tal-produtturi Plastic Recyclers Europe ("PRE") u mill-esperti tal-industrija Wood Mackenzie (Woodmac). Kif indikat fil-premessa (19), il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 35 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(152) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta':

— il-bejgħ verifikat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun,

— il-bejgħ tal-produtturi tal-PET tal-Unjoni li kkooperaw iżda li ma ġewx inklużi fil-kampjun, miksub mingħand l-ilmentatur,

— il-bejgħ ta' produtturi tal-rPET tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun, miksub mingħand l-ilmentatur, estrapolat fuq il-bażi tal-proporzjon tal-produzzjoni tal-rPET (miksub abbażi ta' *data* ta' Woodmac dwar il-konsum ta' qxur għal dawn (i) il-produzzjoni ta' fliexken tal-PET (grad tal-ikel/mhux tal-ikel) u (ii) il-produzzjoni tal-PET li tirriżulta mir-riċiklaġġ kimiku fuq il-produzzjoni totali tal-vPET u tal-rPET tal-Unjoni),

— l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha, kif irreġistrati fil-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat.

(153) Il-Kummissjoni sabet ukoll li madwar 2 % tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni (mhux riflessa fil-konsum tal-Unjoni u f'indikaturi ekonomiċi oħrajn deskritti f'dan ir-Regolament) kienet destinata għal użu ristrett fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(154) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni	3 765 652	3 815 572	3 629 938	3 893 890
Indiċi	100	101	96	103

Sors: it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-ilment, informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, minn Woodmac u mill-Eurostat.

(155) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni żdied bi ftit matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(156) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġie stabbilit billi l-volumi tal-importazzjonijiet tqabblu mal-konsum fis-suq tal-Unjoni (ara t-Tabella 3 aktar 'il fuq).

(157) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (tunnellati)	192 941	88 041	102 865	305 055
Indiċi	100	46	53	158
Sehem mis-suq	5,1 %	2,3 %	2,8 %	7,8 %
Indiċi	100	45	55	153

Sors: Il-Eurostat, it-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(158) It-tabella ta' hawn fuq turi li, f'ċifri assoluti, l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'112 115-il tunnellata. Fl-istess waqt, is-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina fl-Unjoni żdied b'madwar 2,7 punti perċentwali (jew 53 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fl-2020, l-importazzjonijiet Ċiniżi ġew affettwati serjament mill-pandemija tal-COVID-19 iżda rkupraw fl-2021 u kważi ttriplikaw matul il-PI meta mqabbla mas-sena preċedenti. Il-maġġoranza ta' dawn l-importazzjonijiet kienu vPET, madankollu erbgħa mit-tmien produtturi esportaturi li kkooperaw indikaw fit-tweġiba tagħhom għat-teħid ta' kampjuni li kellhom il-kapaċità li jipproduċu l-rPET. Xi whud mill-produtturi esportaturi li kkooperaw indikaw li esportaw l-rPET lejn l-Unjoni matul il-PI, madankollu dawk kienu jirrappreżentaw inqas minn 1 % tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.

(159) Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni kien ibigħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni l-PET li kien jimporta mir-RPĊ ("importazzjonijiet tal-UI"). It-tabella ta' hawn taħt tindika d-daqs ta' dawn l-importazzjonijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi mingħajr dawn l-importazzjonijiet. Dan juri li anki meta jiġu eskluż l-importazzjonijiet Ċiniżi mill-industrija tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'1,0 – 1,5 % punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 5

L-importazzjonijiet tal-UI (tunnellati) u s-sehem mis-suq Ċiniż mingħajr importazzjonijiet tal-UI

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-importazzjonijiet tal-UI mir-RPĊ (tunnellati)	[0 – 3 000]	[4 000 – 6 000]	[7 000 – 9 000]	[50 000 – 70 000]
Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi mingħajr importazzjonijiet tal-UI	[5,0 – 5,5 %]	[2,0 – 2,5 %]	[2,5 – 3,0 %]	[6,0 – 6,5 %]

Sors: Il-Eurostat, it-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(160) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-data tal-Eurostat.

(161) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 6

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ	1 013	778	884	1 276
Indiċi	100	77	87	126

Sors: Eurostat

(162) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi l-ewwel naqas fl-2020, u laħaq is-EUR 778/tunnellata (minn EUR 1 013 /tunnellata fl-2019) u mbagħad żdied għal EUR 884/tunnellata fl-2021 u għal EUR 1 276/tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iż-żieda fil-prezz medju unitarju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kien ta' 26 %. Fl-2021 u l-PI, il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu madwar 9 % u 13 % inqas meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Unjoni, kif muri fit-Tabella 10.

(163) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li ġew iddebitati l-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; kif ukoll

(b) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(164) It-tqabbil tal-prezzijiet sar għall-istess tip ta' prodott (f'dan il-każ il-vPET biss) għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoriku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, instab li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'9,5 %.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Rimarki ġenerali*

(165) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(166) Kif imsemmi fil-premessa (19), intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(167) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li kienet tinsab fl-ilment u t-tweġiba tal-ilmentatur għal kwestjonarju speċifiku. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(168) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(169) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet unitarji medji, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(170) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	3 173 696	3 321 519	3 365 795	3 248 786
Indiċi	100	105	106	102
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	3 718 259	3 880 522	3 956 555	4 043 716
Indiċi	100	104	106	109
Użilizzazzjoni tal-kapaċità	85 %	86 %	85 %	80 %
Indiċi	100	100	100	94

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' PET Europe

(171) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 2 %, minkejja l-fatt li diversi produtturi tal-Unjoni tal-vPET (b'mod predominanti) naqqsu r-rata tal-operat tagħhom lejn tmiem il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Tnaqqis bħal dan fl-output tal-vPET kien ikkumpensat minn xejra dejjem akbar fil-produzzjoni tal-rPET li laħqet it-63 % (632 000 tunnellata fil-PI, żieda minn 388 000 tunnellata fl-2019) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li jirrappreżenta madwar 20 % tal-kapaċità u l-produzzjoni ta' PET tal-industrija tal-Unjoni fil-PI.

(172) Iċ-ċifri tal-kapaċità rrapportati jirreferu għall-kapaċità installata, li żdiedet b'9 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Din ix-xejra kienet dovuta għal żieda kostanti fil-kapaċità tal-produzzjoni fil-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-rPET, filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni fil-produtturi tal-vPET baqgħet stabbli.

(173) It-tnaqqis fir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità b'6 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien xprunat prinċipalment minn tnaqqis qawwi fil-livelli tar-rata tal-utilizzazzjoni fl-aħħar trimestru tal-PI.

(174) Is-CPCIF affermat li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-PET tal-Unjoni kienet qiegħda tiżdied, peress li numru ta' produtturi tal-Unjoni espandew il-faċilitajiet tagħhom jew kienu qegħdin jippjanaw li jagħmlu dan.

(175) Żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni mhux bilfors timplika żieda ekwivalenti fil-produzzjoni. Kif muri fit-Tabella 7, iż-żieda fil-produzzjoni ma żammitx il-pass tar-rata taż-żieda fil-kapaċità, u ċ-ċifri tal-użu tal-kapaċità saħansitra wrew xejra 'l isfel matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(176) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	2 768 907	2 951 147	2 850 509	2 755 783
Indiċi	100	107	103	100
Sehem mis-suq	73,5 %	77,3 %	78,5 %	70,8 %
Indiċi	100	105	107	96

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' PET Europe

(177) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija fis-suq tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jiġifieri bejn 2 750 u 2 950 elf tunnellata. Il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni fl-2019 kien komparabbli ma' dak fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(178) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' konsum tal-Unjoni naqas b'aktar minn 2,7 punti perċentwali, jiġifieri minn 73,5 % sa 70,8 %, bi tnaqqis sinifikanti ta' 7,7 punti perċentwali bejn l-2021 u l-PI.

4.4.2.3. Tkabbir

(179) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi ftit matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli. L-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq, għall-kuntrarju tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, li żdied bi 2,7 punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(180) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

L-impjiegi u l-produttività

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Numru ta' impjegati	1 365	1 410	1 453	1 529
Indiċi	100	103	106	112
Produttività (tunnellata/FTE)	2 325	2 356	2 317	2 125
Indiċi	100	101	100	91

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju ta' PET Europe

(181) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-impjiegi fl-Unjoni żdiedu bi 12 %, filwaqt li l-produttività naqset b'9 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minħabba li ż-żieda fl-impjiegi ma ntlaħqitx mir-rata ta' żieda fil-produzzjoni.

4.4.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(182) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(183) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	972	716	956	1 444
Indiċi	100	74	98	149
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata)	930	721	916	1 353
Indiċi	100	78	98	146

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(184) It-tabella ta' hawn fuq turi wkoll l-evoluzzjoni tal-prezz unitarju tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni meta mqabbel mal-kost tal-produzzjoni korrispondenti. Bħala medja, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(185) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni ([80]) żdied b'49 % mill-2019 sal-PI, li huwa dovut l-aktar għall-provvista ristretta tal-PET u għat-trasferiment b'suċċess taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima matul l-2022.

(186) Il-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, għalkemm b'mod aktar imrażżan mill-prezzijiet tal-bejgħ (b'46 %). Madankollu, b'mod ġenerali, l-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni segwiet l-istess xejra bħall-prezzijiet tal-bejgħ. Il-fattur ewlieni li influwenza ż-żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni kien iż-żieda fil-prezz tal-materja prima ([81]) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(187) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	57 253	61 824	64 372	67 727
Indiċi	100	108	112	118

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(188) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-paga medja għal kull impjegat żdiedet bi 18 %.

4.4.3.3. Inventarji

(189) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Inventarji

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	67 824	51 189	58 133	83 236
Indiċi	100	75	86	123
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	6,09 %	4,67 %	5,12 %	8,05 %
Indiċi	100	77	84	132

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

([80]) Fil-PI, [30-35] % tal-bejgħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fl-Unjoni sar indirettament permezz ta' entitajiet kummerċjali relatati.

([81]) Il-prezz tal-PET huwa ddeterminat b'madwar 90 % mill-prezzijiet tal-materja prima ewlenija, jiġifieri l-aċidu tereftaliku purifikat (PTA), li min-naħa tiegħu jvarja fuq il-bażi tal-prezzijiet taż-żejt naturali. Dan jikkawża volatilità għolja tal-prezzijiet tal-PET.

(190) Kien hemm żieda fil-livelli tal-istokkijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ta' 23 %. Filwaqt li l-livelli tal-istokkijiet fl-2020 u fl-2021 kienu taħt il-livelli tal-2019, iż-żieda fl-inventarji fl-2022 hija dovuta l-aktar għall-akkumulazzjoni tal-istokk mill-produtturi fit-tieni nofs tal-2022, meta naqset id-domanda għall-PET.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(191) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 13

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	4 %	1 %	8 %	7 %
Indiċi	100	20	208	193
Fluss tal-flus (EUR)	63 713 072	57 496 364	96 321 869	91 341 517
Indiċi	100	90	151	143
Investimenti (EUR)	2 667 066	8 305 772	15 937 339	14 756 777
Indiċi	100	311	598	553
Redditu fuq l-investimenti	18 %	6 %	41 %	48 %
Indiċi	100	32	225	266

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(192) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabilità kienet pożittiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu, bl-oġħla profitti rreġistrati fl-2021 u fl-2022, bi profittabilità ta' 8 % u ta' 7 % rispettivament. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (197), l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf (-12 %) matul l-aħħar trimestru tal-PI, fid-dawl taż-żieda kontinwa fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet aktar baxxi, li wassal għal trażżin tal-prezzijiet.

(193) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett baqgħet ġeneralment pożittiva b'mod kumplessiv, u segwiet xejra simili bħall-profittabilità matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(194) L-investimenti, filwaqt li kienu relattivament baxxi fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni żdiedu b'453 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-investiment kien jikkonċerna ż-żamma tal-linja tal-produzzjoni bl-għan li tiżdied il-lonġevità tal-impjanti. Ma kien hemm l-ebda investiment f'kapaċità ġdida tal-PET fil-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(195) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. B'mod konsistenti mal-profittabilità, ir-redditu fuq l-investiment kien pożittiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u żdied b'166 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(196) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li jiġġeneraw kapital ma ġietx affettwata matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.3.5. Żviluppi fil-perjodu ta' investigazzjoni u wara l-PI

(197) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-indikaturi tad-dannu wrew xejra stabbli. Madankollu, meta jiġu vvalutati l-indikaturi f'livell aktar granulari għall-PI, u fl-ewwel trimestru tal-2023, tidher xejra negattiva. Il-validazzjoni ta' din ix-xejra, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fl-2023 hija soġġetta għal investigazzjoni ulterjuri fl-istadju definittiv tal-proċedimenti.

(198) Kif deskritt fit-Tabella 14 hawn taħt, il-konsum, il-produzzjoni u l-bejgħ tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni wrew tnaqqis fl-aħħar żewġ trimestri tal-PI. Barra minn hekk, wara żieda fis-sehem mis-suq fl-2020 u l-2021, l-industrija tal-Unjoni tilfet 4 punti perċentwali tas-sehem mis-suq matul il-PI u 7 punti perċentwali oħra bejn tmiem l-2022 u l-ewwel trimestru tal-2023 biss. Dan id-deterjorament huwa rifless ukoll fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni, li bdiet tagħmel it-telf fl-aħħar trimestru tal-PI, filwaqt li din it-tendenza kompliet ukoll fl-ewwel trimestru tal-2023.

Tabella 14

Konsum tal-Unjoni / produzzjoni / bejgħ / sehem mis-suq / profittabilità / importazzjonijiet Ċiniżi tal-2022 u tal-ewwel trimestru tal-2023

	Konsum tal-Unjoni (tunnellati)	Produzzjoni tal-Unjoni (tunnellati)	Volum tal-bejgħ tal-Unjoni (tunnellati)	Sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (%)	Profittabilità (%)	Importazzjonijiet Ċiniżi (tunnellati)	Prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi inkluż id-dazju doganali komuni ta' 6,5 % (EUR)
L-Ewwel Trimestru 2022	1 005 290	918 123	744 321	74 %	15 %	54 765 (inklużi [0 – 4 000] tunnellata ta' importazzjonijiet tal-UI)	1 212
It-Tieni Trimestru 2022	1 075 432	886 642	773 099	72 %	12 %	84 906 (inklużi [20 000 – 25 000] tunnellata ta' importazzjonijiet tal-UI)	1 306
It-Tielet Trimestru 2022	979 842	814 673	656 453	67 %	13 %	112 658 (inklużi [20 000 – 25 000] tunnellata ta' importazzjonijiet tal-UI)	1 426
Ir-Raba' Trimestru 2022	833 326	629 348	581 910	70 %	- 12 %	52 726 (inklużi [13 000 – 18 000] tunnellata ta' importazzjonijiet tal-UI)	1 455
L-Ewwel Trimestru 2023	1 036 561	685 594	654 045	63 %	- 11 %	134 604 (inklużi [20 000 – 25 000 tunnellata ta' importazzjonijiet tal-UI)	1 146

Sors: Tweġiba għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, tweġiba għall-kwestjonarju ta' PET Europe, Eurostat

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(199) L-industrija tal-Unjoni marret tajjeb matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bl-indikaturi u bix-xejriet tad-dannu li fil-biċċa l-kbira kienu stabbli jew pożittivi, b'mod partikolari fil-livell mikroekonomiku.

(200) Madankollu, lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, għadd ta' indikaturi tad-dannu (b'mod partikolari, is-sehem mis-suq u l-profittabbiltà) urew deterjorament qawwi tas-sitwazzjoni fis-suq għall-industrija tal-Unjoni, lil hinn minn dak li jista' jkun mistenni bħala ritorn għall-kundizzjonijiet normali tas-suq kif jidher fl-2019 u fl-2020. It-telf iġġarrab fl-aħħar trimestru tal-2022, u kien f'livelli mhux sostenibbli (-12 %). L-industrija tal-Unjoni, li ffaċċat twaqqigħ tal-prezz matul il-PI flimkien ma' żidiet fil-kostijiet, kellha tnaqqas ir-rati operattivi fid-dawl tat-tnaqqis fid-domanda, u bdiet titlef il-volumi tal-bejgħ lejn tmiem l-2022, li kien rifless ukoll f'telf fis-sehem mis-suq fl-2022.

(201) L-importazzjonijiet mir-RPĊ ġew affettwati fl-2020 u fl-2021 minħabba l-kostijiet għoljin tat-trasport marittimu u l-kundizzjonijiet ekonomiċi matul u wara l-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, meta jitqabbel il-bidu tal-perjodu kkunsidrat mal-PI, hija viżibbli żieda ta' 58 %. Speċjalment matul il-PI, meta rritornaw għal kundizzjonijiet normali tas-suq wara l-pandemija tal-COVID-19, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping urew xejra ta' żieda. Fi tmiem il-PI kif ukoll fl-ewwel semestru 2023, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni ġew imrażżna mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Tabilħaqq, fid-dawl tal-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tbigħ aktar mill-kost tal-produzzjoni tagħha, u ġarrbet telf ukoll fl-ewwel trimestru tal- 2023 (-11 %). Meta mqabbel mal-perjodu kkonċernat, hemm bidla fiċ-ċirkostanzi li tirriżulta mill-irkupru tal-kundizzjonijiet normali tas-suq fis-suq tal-Unjoni li issa huma affettwati miż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi li wasslet għal sitwazzjoni vulnerabbli tal-industrija tal-Unjoni sal-ewwel kwart tal-2023.

(202) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, f'dan l-istadju huwa konklużż li l-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, speċjalment fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, iżda mhux sal-punt li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni pproċediet bl-analiżi ta' theddida ta' dannu materjali f'konformità mal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku.

(203) Is-CPCIF sostniet li meta titqies l-evoluzzjoni ta' indikaturi bħall-profittabilità, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-produzzjoni tal-Unjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni, l-investimenti u l-impjiegi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul dan il-perjodu. Svepol argumentat ukoll b'referenza għax-xejriet fit-tul fl-indikaturi tad-dannu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma hijiex qiegħda ġġarrab dannu materjali.

(204) Sabiex il-Kummissjoni timponi dazji anti-dumping, huwa biżżejjed li l-investigazzjoni tikkonkludi li jkun hemm theddida ta' dannu materjali. Filwaqt li ma nstabet l-ebda dannu materjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, huwa nnotat li l-fatti tal-każ huma vvalutati skont l-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku għall-istabbiliment ta' theddida ta' dannu.

5. **THEDDIDA TA' DANNU**

5.1. **Introduzzjoni**

(205) Fl-analiżi ta' theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 3(9), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament bażiku, qegħdin jiġu kkunsidrati hawn taħt fatturi bħal:

(a) rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni li tindika li x'aktarx hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet;

(b) kapaċità libera biżżejjed tal-produttur esportatur min-naħa tal-esportatur jew żieda imminenti u sostanzjali fit-tali kapaċità li tindika li x'aktarx hemm żieda sostanzjali ta' esportazzjonijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni, wara li titqies id-disponibbiltà ta' swieq tal-esportazzjoni oħrajn sabiex jassorbu kwalunkwe esportazzjoni addizzjonali;

(c) jekk l-importazzjonijiet humiex diħlin bi prezzijiet li, sa punt sinifikanti, ibaxxu ferm il-prezzijiet jew jimpedixxu żidiet fil-prezzijiet li b'mod ieħor xorta kienu jiġru, u jekk probabbilment iżidux id-domanda għal aktar importazzjonijiet, u;

(d) il-livell tal-inventarji.

(206) Kif tindika l-kelma "bħal" fl-Artikolu 3(9), it-tieni subparagrafu, flimkien ma' dawn l-erba' fatturi, fatturi oħrajn jistgħu jiġu analizzati wkoll għad-determinazzjoni ta' theddida ta' dannu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni analizzat ukoll fatturi bħall-evoluzzjoni reċenti fil-profittabilità, li għalihom kellha *data* disponibbli mill-perjodu ta' investigazzjoni u minn wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

(207) Fir-rigward tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-Kummissjoni reġgħet irrieżaminat id-*data* miġbura għall-2019 sal-PI, minħabba l-ħtieġa li tkun tinftiehem is-sitwazzjoni preżenti tal-industrija tal-Unjoni sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk hemmx theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni ([82]). Imbagħad, wettqet analiżi prospettiva għall-fatturi kollha. Barra minn hekk, hija ġabret *data* dwar il-volumi tal-importazzjoni oġġett ta' dumping u l-prezzijiet tal-importazzjoni għall-ewwel żewġ trimestri tal-2023 sabiex tikkonferma jew tinvalida l-previżjonijiet, kif meħtieġ mill-Qorti ([83]). Għal-livell tal-inventarji u tal-profittabilità, inġabret *data* komprensiva sal-aħħar ta' Marzu 2023. Din id-*data* se tiġi aġġornata għal determinazzjoni definittiva u, meta possibbli, se jiġu analizzati wkoll fatturi oħrajn. F'dan l-istadju, id-*data* għall-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-livell tal-inventarji kienu l-aħjar *data* disponibbli.

(208) Fl-aħħar nett, l-Artikolu 3(9), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fiċ-ċirkustanzi trid tkun tbassret b'mod ċar u trid tkun imminenti.

(209) Dawk l-elementi kollha u d-*data* miġbura jiġu analizzati fit-taqsimiet li jmiss.

5.2. **Rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni li tindika li x'aktarx hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet**

(210) Bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu b'mod sinifikanti minn 192 941 għal 305 055 tunnellata, kif muri fit-Tabella 4. Żieda bħal din kienet sinifikanti bejn l-2021 u l-PI. L-istess xejra ġiet osservata fl-ewwel trimestru tal-2023. Matul l-2021 u l-PI, dawn l-importazzjonijiet seħħew bi prezz aktar baxx minn dak tal-industrija tal-Unjoni. Is-sehem mis-suq miżmum minn dawn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping (+53 %) jikkonferma ż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet filwaqt li d-domanda baqgħet stabbli (+3 %). Il-produtturi esportaturi Ċiniżi kisbu sehem mis-suq b'importazzjonijiet bi prezz baxx għad-detriment tal-produtturi tal-Unjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi kompla jiżdied (b'60 %) fl-ewwel nofs tal-2023 (223 558 tunnellata) (sors: Eurostat), meta mqabbel mal-ewwel nofs tal-2022 (139 672 tunnellata). Id-*data* disponibbli turi li mhux biss l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping urew żieda sostanzjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda wkoll li din ix-xejra ma twaqqfitx u lanqas ma tieġġħet lura waqt il-perjodu ta' wara l-investigazzjoni.

(211) Barra minn hekk, kif indikat hawn taħt, il-kapaċità żejda Ċiniża u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet Ċiniżi, minħabba n-nuqqas ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ fl-Unjoni, flimkien mal-eżistenza ta' miżuri kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-PET f'bosta pajjiżi oħra, jindikaw li hemm probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni.

5.3. **Kapaċità suffiċjenti liberament disponibbli**

(212) Fir-rigward tal-kapaċità Ċiniża tal-PET, l-informazzjoni disponibbli (Woodmac) tindika li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-PET fir-RPĊ żdiedet minn [11,3 – 12,3] miljun tunnellata fl-2020 għal [11,6 – 12,6] miljun tunnellata fil-PI, filwaqt li l-kapaċità żejda fil-PI kienet ta' [1,5 – 2,5] miljun tunnellata, li tammonta għal mhux inqas minn [40 – 60] % tal-konsum tal-Unjoni. Kemm il-kapaċità tal-produzzjoni kif ukoll il-kapaċità liberament disponibbli huma mistennija li jikbru b'mod sinifikanti għal [21,0 – 23,0] miljun tunnellata u [10,5 – 11,5] miljun tunnellata rispettivament fl-2026.

(213) Id-domanda domestika Ċiniża kibret fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni f'konformità maż-żieda fil-kapaċità u sawret madwar [50 – 60] % tal-kapaċità Ċiniża. Madankollu, fis-snin li ġejjin, it-tkabbir fil-kapaċità huwa mistenni jaqbeż b'mod sinifikanti ż-żieda fid-domanda domestika, li hija mistennija tonqos taħt il-[35 – 45] % tal-kapaċità fl-2026.

([82]) L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, WT/DS132/R, it-28 ta' Jannar 2000, Il-Messiku- Investigazzjoni anti-dumping ta' ġulepp tal-qamħ b'kontenut għoli ta' fruttożju (HFCS) mill-Istati Uniti — Rapport tal-Panel, il-premessa 7.140, il-paġna 214. Il-Panel tad-WTO ddikjara dan li ġej: "sabiex jiġi konkluż li hemm theddida ta' dannu materjali għal industrija domestika li jidher li bħalissa ma ġġarrabx dannu, minkejja l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni, huwa neċessarju li tkun mifhuma l-kundizzjoni kurrenti tal-industrija bħala sfond. Is-sempliċi fatt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jiżdiedu, u se jkollhom effetti negattivi fuq il-prezzijiet, ma jwasslux, ipso facto, għall-konklużjoni li l-industrija domestika se ġġarrab dannu — jekk l-industrija tkun f'kundizzjoni tajba ħafna, jew jekk ikun hemm fatturi oħrajn involuti, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ma jistgħux ikunu theddida ta' dannu".

([83]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-7 ta' April 2016, numru tal-kawża C-186/14, il-paragrafu 72, li tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2014, dwar il-kawża T-528/09, Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd vs Il-Kunsill tal Unjoni Ewropea.

Għalhekk, dan iżid il-kapaċitajiet tal-esportazzjoni Ċiniżi minn livell ta' [5 – 6] miljun tunnellata fl-2022 għal [7,5 – 8,5] miljun tunnellata fl-2023 u għal aktar minn [13 – 15]-il miljun tunnellata fl-2026, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni kien stabbli b'madwar 3,8 miljun tunnellata matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(214) Is-CPCIF sostniet li d-domanda għall-PET fis-suq Ċiniż żdiedet b'mod sinifikanti, li wassal għal żieda korrispondenti fil-kapaċità tal-produzzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-konsumaturi Ċiniżi. Kif innotat hawn fuq, it-tkabbir fil-kapaċità huwa mistenni li jaqbeż b'mod sinifikanti ż-żieda fid-domanda domestika. Għalhekk, il-pretensjoni tas-CPCIF kellha tiġi miċħuda.

(215) Il-UNESDA argumentat li l-produzzjoni fir-RPĊ ma hijiex mistennija tikber b'mod allinjat maż-żieda stmata fil-kapaċità installata. Skont il-UNESDA, l-estimi tal-produzzjoni huma aktar realistiċi mill-previżjonijiet futuri tal-kapaċità installata, peress li tal-ewwel hija bbażata fuq l-impjanti operattivi u fuq ir-rati tal-utilizzazzjoni aġġustati skont id-domanda. Barra minn hekk, il-UNESDA sostniet li l-proporzjon tal-produzzjoni/tad-domanda għas-snin 2023 sal-2026 huwa simili għall-proporzjon eżistenti fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, meta l-kapaċità żejda tar-RPĊ ma kinitx toħloq dannu għall-produtturi tal-Unjoni.

(216) Kif imsemmi fil-premessa (212), il-kapaċità tal-PET fir-RPĊ hija mistennija tiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin, filwaqt li l-konsum domestiku fir-RPĊ ma huwiex mistenni li jiżdied bl-istess rata bħall-kapaċità. Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni inevitabbilment timplika pressjoni fuq il-faċilitajiet Ċiniżi tal-PET sabiex jgħollu l-livelli tal-produzzjoni u se tinċentivahom ifittxu opportunitajiet tas-suq barra mir-RPĊ minħabba l-limitazzjonijiet għad-domanda domestika. Minħabba r-rekord tal-esportazzjoni Ċiniż u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni (ara l-premessi (217)-(220)), huwa probabbli li parti mdaqqsa mill-produzzjoni Ċiniża tiġi diretta lejn is-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tal-UNESDA ġiet miċħuda.

(217) F'konformità mal-Artikolu 3(9), it-tieni subparagrafu, lit (b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni analizzat id-disponibbiltà ta' swieq oħrajn tal-esportazzjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi sabiex jassorbu kwalunkwe esportazzjoni addizzjonali u sabet li xi swieq esportaturi (ewlenin) qegħdin isiru dejjem aktar diffiċli sabiex jiġu aċċessati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi minħabba miżuri ta' difiża tal-kummerċ, inklużi l-Arġentina, it-Turkija, il-Brażil, l-Indoneżja, l-Istati Uniti, il-Ġappun, l-Indja, u l-Afrika t'Isfel. F'Awwissu 2023, il-Messiku impona tariffi fuq l-importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw mir-RPĊ. Barra minn hekk, huwa osservat li fl-ewwel trimestru tal-2023, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni żdiedu b'rata ogħla mill-esportazzjonijiet ġenerali Ċiniżi tal-PET madwar id-dinja kollha.

(218) Il-UNESDA ddikjarat li kwalunkwe devjazzjoni kummerċjali li setgħet seħħet mill-adozzjoni ta' miżuri ta' difiża tal-kummerċ minn pajjiżi terzi diġà seħħet, billi dawn il-miżuri ilhom fis-seħħ għal diversi snin. Huwa meqjus li l-eżistenza tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ trid tiġi mixtarra fid-dawl taż-żieda reċenti fil-kapaċità Ċiniża tal-PET. B'miżuri ta' difiża tal-kummerċ fis-seħħ fi swieq tal-esportazzjoni oħrajn, il-kapaċità tal-esportazzjoni Ċiniża x'aktarx li tiġi diretta lejn dawk il-pajjiżi mingħajr ebda miżura ta' difiża tal-kummerċ, bħall-Unjoni.

(219) Is-CPCIF argumentat li r-Russja kienet l-akbar destinazzjoni għall-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-PET matul il-PI u li l-pajjiżi tal-Amerka Latina komplew ikunu destinazzjonijiet ewlenin għall-esportazzjonijiet Ċiniżi. Il-UNESDA ssottomettiet ukoll li hemm firxa wiesgħa ta' pajjiżi mingħajr ebda konċentrazzjoni partikolari li tista' tkun anormali u li, b'mod proporzjonali għall-popolazzjoni, l-esportazzjonijiet tar-RPĊ lejn l-Unjoni huma iżgħar mill-esportazzjonijiet lejn ir-Russja, il-Filippini, it-Turkija u l-Alġerija, l-akbar erba' importaturi Ċiniżi li jmiss.

(220) Il-Kummissjoni sabet li l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI kienu akbar minn dawk lejn ir-Russja, jiġifieri 305 000 tunnellata u 274 000 tunnellata rispettivament, li juru l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. L-ebda waħda mid-destinazzjonijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi l-oħrajn għall-PET ma qorbot lejn il-volum tal-esportazzjoni li sar matul il-PI lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, din ix-xejra kompliet anke fil-perjodu ta' wara l-PI. L-Istatistika dwar l-importazzjoni turi li l-Unjoni hija d-destinazzjoni primarja għall-esportazzjoni tal-PET mir-RPĊ u proporzjon kbir tal-kapaċità żejda Ċiniża x'aktarx li tiġi diretta għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(221) Bħala konklużjoni, huwa probabbli li volumi sinifikanti tal-kapaċità żejda eżistenti ta' PET ikomplu jiġu diretti lejn is-suq tal-Unjoni. Il-kapaċitajiet żejda attwali u l-kapaċità ta' assorbiment insuffiċjenti ta' stati terzi jew tar-RPĊ stess jindikaw il-probabbiltà ta' żieda sostanzjali ulterjuri tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni, hekk kif żieda fis-sehem mis-suq uriet li hija relattivament faċli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u b'mod partikolari matul il-PI u l-ewwel trimestru tal-2023.

5.4. **Il-livell tal-prezz tal-importazzjonijiet**

(222) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz medju tal-importazzjoni tal-pajjiż ikkonċernat wera żieda ta' 26 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu. Kif spjegat fil-premessa (164), il-Kummissjoni, stabbiliet għall-perjodu ta' investigazzjoni, li l-prezzijiet Ċiniżi waqqgħu il-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Il-prezzijiet Ċiniżi bdew jonqsu fl-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni u din ix-xejra kompliet fiż-żewġ trimestri ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni.

Tabella 15

Il-prezz tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet Ċiniżi wara l-perjodu ta' investigazzjoni

Prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi (euro/tunnellata)	Jannar 2023	Frar 2023	Marzu 2023	April 2023	Mejju 2023	Ġunju 2023
	1 158	1 067	1 030	1 011	993	1 006

Sors: Eurostat

(223) Il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'49 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-kost tal-produzzjoni żdied b'46 %. Dan irriżulta f'żieda fil-marġnijiet tal-profitt għall-2021 u għall-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, minħabba l-influss kbir ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping fil-perjodu ta' investigazzjoni bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet imġiegħla tnaqqas il-prezzijiet tagħha fl-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni u fl-ewwel trimestru wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li jirriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf f'dawk iż-żewġ trimestri.

(224) Il-volum kbir kontinwu tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet li komplew jonqsu wara l-perjodu ta' investigazzjoni juri bidla ulterjuri lejn dawn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet offruti mill-produtturi tal-Unjoni.

(225) Negozjant mhux relatat afferma li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ żdiedu fit-tieni nofs tal-PI, filwaqt li l-prezz tal-industrija tal-Unjoni wera tnaqqis fl-istess perjodu. Dan irriżulta fi prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fl-aħħar trimestru tal-PI.

(226) Il-Kummissjoni sabet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz tal-importazzjoni Ċiniż kien qiegħed iwaqqa' l-prezz tal-industrija tal-Unjoni u li l-prezz tal-importazzjoni Ċiniż żdied b'anqas miż-żieda ġenerali fil-kost tal-produzzjoni. Fir-rigward tal-aħħar trimestru tal-PI, iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi fit-trimestri ta' qabel ġiegħlet lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet tagħha għal livell ta' telf insostenibbli sabiex tibqa' kompetittiva, kif stabbilit fil-premessa (223).

(227) Is-CPCIF sostniet li l-kostijiet tat-trasport stabbilizzaw mill-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni wara l-ogħla livelli storiċi.

(228) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni wriet li żieda estrema fil-kostijiet tat-tbaħħir ipprovdiet impediment għall-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni mill-2021 sa nofs l-2022. Issa li l-kostijiet naqsu għal-livelli ta' qabel, dan l-impediment ma għadux jeżisti u dan jippermetti lill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping sabiex ifawru s-suq Ewropew. Huwa dan ir-ritorn għal-livell normali tal-kostijiet tat-trasport, u l-għajbien taż-żieda preċedenti, li jikkontribwixxu għat-theddida ta' dannu.

5.5. **Il-livell tal-inventarji**

(229) L-evoluzzjoni tal-livell tal-inventarji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ġiet deskritta fid-dettall fil-premessi (189) u (190). Il-Kummissjoni qieset li dan il-fattur ma huwiex ta' sinifikat partikolari għall-analiżi minħabba li l-produtturi jistgħu jwieġbu għall-bidliet fid-domanda relattivament malajr, u b'hekk iżommu l-istokkijiet f'livelli sostenibbli. Ma setgħet tinstab l-ebda evidenza li l-attivitajiet ta' kumulazzjoni ta' riżerva setgħu twettqu mill-industrija tal-Unjoni jew mill-produtturi esportaturi Ċiniżi sa punt li jista' jinfluwenza b'mod sinifikanti s-suq tal-Unjoni fil-futur qarib.

5.6. **Elementi oħrajn: Il-profittabilità u indikaturi ekonomiċi oħrajn**

(230) Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni wriet żieda fil-profittabilità matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kien hemm deterjorament sinifikanti fl-aħħar trimestru tal-PI minħabba tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Barra minn hekk, indikaturi oħrajn tad-dannu wrew deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni, il-produzzjoni tal-Unjoni, u l-użu tal-kapaċità lkoll naqsu b'mod sinifikanti matul il-PI, u dan ikkawża tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni. Din is-sitwazzjoni wasslet sabiex l-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-aħħar trimestru tal-PI filwaqt li l-kost tal-produzzjoni baqa' jiżdied, u dan irriżulta f'sitwazzjoni ta' telf. Din ix-xejra negattiva kompliet fl-ewwel trimestru tal-2023 (ara t-Tabella 14 għal aktar dettalji).

(231) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' soppressjoni tal-prezzijiet. Tabilħaqq, l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tbigħ f'livell taħt il-kost tal-produzzjoni fl-aħħar trimestru tal-PI u fl-ewwel trimestru ta' wara l-PI. Minħabba l-pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mir-RPĊ, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex tiġi f'sitwazzjoni profittabbli, li rriżulta f'telf fi tmiem il-PI, li kompla wara l-PI.

5.7. **Il-prevedibbiltà u l-imminenza tal-bidla fiċ-ċirkustanzi**

(232) L-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku jistipula li "… [i]l-bidla fiċ-ċirkustanzi li toħloq sitwazzjoni ta' dumping li jikkawża dannu għandha tkun ġiet imbassra b'mod ċar u għandha tkun imminenti."

(233) Il-fatturi kollha msemmijin aktar 'il fuq ġew analizzati u vverifikati fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun laħqet livell insostenibbli ta' -12 % fir-raba' trimestru tal-2022, meta l-pressjoni tal-prezzijiet Ċiniżi nħasset l-aktar wara ż-żieda kontinwa fit-twaqqigħ fil-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul l-ewwel tliet trimestri tal-PI. Barra minn hekk, id-*data* tal-perjodu ta' wara l-investigazzjoni żvelat li din is-sitwazzjoni negattiva kienet għadha preżenti matul l-ewwel trimestru tal-2023. Jekk din it-tendenza tkompli, is-sitwazzjoni fraġli tal-industrija tal-Unjoni tinbidel f'dannu materjali minnufih. Barra minn hekk, il-fatt li l-kapaċità Ċiniża hija mistennija li kważi tirdoppja fil-perjodu 2020–2026 li ma tistax tiġi assorbita mid-domanda domestika Ċiniża jew minn swieq tal-esportazzjoni Ċiniżi oħra, jagħmel is-suq tal-Unjoni dejjem aktar attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx. Għalhekk, fuq il-bażi tad-*data* għall-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ikkonkludiet li kien hemm bidla prevedibbli u imminenti b'mod ċar fiċ-ċirkustanzi fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, li se toħloq sitwazzjoni li fiha d-dumping jikkawża dannu. Meta l-kundizzjonijiet tas-suq inbidlu wara l-pandemija tal-COVID-19, l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew jerġgħu lura lejn is-suq tal-Unjoni, u spostjaw il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, li kellha tibda tnaqqas il-prezzijiet u ġarrbet telf lejn tmiem il-PI u fl-ewwel trimestru tal-2023, u kellha tbigħ b'telf biex tikkompeti mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(234) Svepol argumenta li l-ilmentatur ma setax jitqies li huwa f'sitwazzjoni vulnerabbli fuq il-bażi tad-*data* sottomessa fl-ilment, iżda li din id-*data* wriet ritorn għall-kundizzjonijiet normali tas-suq wara l-espansjoni wara l-pandemija tal-COVID-19. Svepol sostna wkoll li l-marġnijiet tal-profitt tal-produtturi tal-Unjoni fil-fatt urew sinjali ta' industrija li kienet qiegħda tistabbilizza wara perjodu bi profittabilità eċċezzjonalment għolja, meta l-produtturi tal-Unjoni setgħu jżidu l-prezzijiet aktar mill-kostijiet unitarji, għamlu investimenti kbar u żammew sehem dominanti mis-suq.

(235) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-livell ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, speċjalment fl-2021 u fl-ewwel tliet xhur tal-PI, kien ħafna ogħla milli kien jidher fis-snin ta' qabel. Madankollu, numru kbir ta' indikaturi tad-dannu, bħall-produzzjoni, il-bejgħ u l-profittabilità, juru tnaqqis enormi u straordinarju fl-aħħar tal-PI għal livelli insostenibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sitwazzjoni fi tmiem il-PI ma setgħetx sempliċiment titqies bħala ritorn għall-kundizzjonijiet normali tas-suq.

(236) Is-CPCIF u Svepol argumentaw li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma indikawx dannu previst jew imminenti, peress li naqsu b'aktar minn nofs matul l-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni u ż-żieda fl-importazzjonijiet fit-tielet trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni kienet eċċezzjoni. Barra minn hekk, Svepol saħqet li ma kien hemm l-ebda koinċidenza fiż-żmien bejn it-tnaqqis fil-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u x-xejra tal-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina.

(237) Il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet fl-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni segwa żieda kontinwa u qawwija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fit-trimestri ta' qabel u ġie segwit minn żieda ulterjuri fl-ewwel trimestru ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Għall-kuntrarju tal-pretensjoni ta' Svepol, dan ikkoinċida ma' tnaqqis kontinwu fil-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm rata sinifikanti ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping li tindika l-probabbiltà ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet.

5.8. **Konklużjoni dwar it-theddida ta' dannu**

(238) Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tagħmel tajjeb sat-tielet trimestru tal-2022, kważi l-indikaturi kollha tad-dannu bdew jonqsu b'mod drammatiku matul l-aħħar trimestru tal-2022. L-investigazzjoni ddivulgat b'mod provviżorju li din is-sitwazzjoni negattiva kompliet matul l-ewwel trimestru tal-2023.

(239) Filwaqt li l-kost medju tal-produtturi tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni kienu korrelatati ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'żieda ta' 46 % fil-kostijiet imqabbla ma' żieda ta' 49 % fil-prezz medju tal-bejgħ fil-PI meta mqabbel mal-2019, il-prezzijiet Ċiniżi żdiedu biss b'madwar 26 %. Fl-2019 u fl-2020, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni Ċiniżi kienu ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, filwaqt li fil-PI, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu il-prezz.

(240) Għalkemm l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn urew ukoll żieda żgħira fil-PI, b'mod partikolari mit-Turkija, mill-Eġittu, u mill-Vjetnam, il-prezzijiet medji ta' dawk l-importazzjonijiet kienu bħala medja 1,2 % anqas sa 2,0 % ogħla mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-Unjoni. Meta vvalutati b'mod kumulattiv, dawn l-importazzjonijiet kienu kemxejn ogħla mill-prezzijiet tal-Unjoni.

(241) Il-previżjoni tal-industrija tal-Unjoni dwar il-profittabilità futura u l-bejgħ futur hija negattiva. It-tnaqqis fil-bejgħ u marġinijiet negattivi għandhom l-aktar probabbiltà li jwasslu għal telf kbir, għal ordnijiet mitlufin u għal impjiegi mnaqqsin. Bħala riżultat, il-fatturi kollha vvalutati fil-qafas tal-Artikolu 3(9) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari r-rata sinifikattiva ta' żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-2022 li komplew fl-ewwel nofs tal-2023 bi tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet, il-kapaċità eċċessiva fir-RPĊ, u l-iżviluppi negattivi fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni jindikaw l-istess direzzjoni.

(242) Fid-dawl ta' din l-analiżi, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm theddida ta' dannu mbassra ċara u imminenti għall-industrija tal-Unjoni fit-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

6. **KAWŻALITÀ**

(243) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk it-theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni kinitx ikkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping eżistenti u futuri mill-pajjiż ikkonċernat. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull theddida ta' dannu possibbli kkawżata minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kinitx attribwita għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet mill-ilmentaturi u kumpaniji relatati tal-ilmentaturi, iż-żieda fl-użu tal-PET riċiklat mill-utenti tal-PET, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, iż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u fil-prezzijiet tal-enerġija, u żieda fil-kostijiet tal-investiment.

6.1. **Effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(244) Kif stabbilit fil-premessa (210), il-volum tal-importazzjoni tal-PET mir-RPĊ żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u wera xejra li kienet qiegħda tiżdied matul il-PI u fl-ewwel trimestru wara l-PI, bl-eċċezzjoni tal-aħħar trimestru tal-PI. Kif muri fil-premessa (164), l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qegħdin iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-PET rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni.

(245) Minħabba ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet Ċiniżi tal-PET matul il-perjodu ta' investigazzjoni bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq għall-importazzjonijiet Ċiniżi u tilfet is-sitwazzjoni profittabbli tagħha fl-aħħar trimestru tal-PI.

(246) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li dawk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(247) Barra minn hekk, mhux talli l-produtturi Ċiniżi tal-PET għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti kif stabbilit fil-premessa (212), li hija prevista li tkompli tikber saħansitra aktar fis-snin li ġejjin, iżda l-Unjoni kienet ukoll l-aktar destinazzjoni attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, u l-ebda pajjiż terz ieħor ma jkun jista' jassorbi l-kapaċità ta' riżerva Ċiniża tal-PET.

(248) Is-CPCIF saħqet b'referenza għar-raġunament tal-Kummissjoni fil-każijiet *Siliko-Manganiż* u *Stiren-Butadien-Stiren* li kien hemm nuqqas ta' koinċidenza fiż-żmien bejn ix-xejra tal-profittabilità u tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni u ż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, pretensjoni mtennija minn Svepol, u li ż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi u l-livell tat-twaqqigħ tal-prezz kienu limitati wisq sabiex ikollhom impatt materjali fuq l-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, billi qabbel iċ-ċifri tal-Eurostat dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni tar-RPĊ maċ-ċifri tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ppreżentati fl-ilment, l-importatur mhux relatat argumenta li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tiġi mhedda mill-importazzjonijiet tar-RPĊ meta l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ fil-fatt żiedu u kienu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni minn Settembru 2022.

(249) Il-Kummissjoni sabet li l-livell tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni wrew tnaqqis sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, eżatt wara perjodu li fih dehret żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet Ċiniżi. Il-prezzijiet Ċiniżi, li kienu taħt il-prezz tal-industrija tal-Unjoni u l-prezz minn pajjiżi terzi oħrajn fl-ewwel tliet trimestri tal-perjodu ta' investigazzjoni, baxxew il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi fl-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni għal-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fit-trimestru preċedenti, u dan irriżulta f'livell ta' telf għall-industrija tal-Unjoni. Dan wera li l-prezzijiet Ċiniżi kienu kapaċi jħallu impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(250) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni u kienu qegħdin jikkawżaw theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

6.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(251) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn, individwalment jew kollettivament, jistgħux inaqqsu l-kawżalità stabbilita bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu li provviżorjament instabet li teżisti bl-effett li tali rabta ma tibqax waħda ġenwina u sostanzjali.

6.2.1. *L-importazzjonijiet mill-ilmentaturi u mill-kumpaniji relatati lill-ilmentaturi*

(252) Il-UNESDA argumentat li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun Indorama u NEO għamlu importaw il-PET mir-RPĊ. Tabilħaqq, il-Kummissjoni sabet li parti mill-importazzjonijiet mir-RPĊ saret mill-kumpaniji li lmentaw li jammontaw għal [15-25] % tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fl-2022 u għal [25-35] % fl-aħħar trimestru tal-2022 biss. Madankollu, anki meta ġew ivvalutati x-xejriet tal-importazzjoni mingħajr dawn l-importazzjonijiet, seħħet żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, l-eżistenza ta' importazzjonijiet mill-ilmentatur ma mmitigax il-kawżalità.

6.2.2. *Iż-żieda fl-użu tal-PET riċiklat mill-utenti tal-PET*

(253) Il-UNESDA saħqet li l-politiki tal-Unjoni Ewropea dwar l-immaniġġjar tal-iskart u t-tnaqqis tal-użu tal-plastik wasslu għas-sostituzzjoni dejjem akbar tal-vPET mal-rPET (minkejja l-prezzijiet sistematikament ogħla tal-rPET meta mqabbel mal-vPET), li rriżultat f'rata għolja ta' użu tal-rPET.

(254) Fil-fatt, meta jiġu analizzati l-indikaturi tad-dannu f'livell aktar granulari, tista' tiġi osservata xejra dejjem akbar fil-kapaċità, fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-rPET matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madankollu, din iż-żieda ta' madwar 250 000 tunnellata fil-produzzjoni u madwar 200 000 tunnellata fil-bejgħ, li jirrappreżentaw madwar 20 % tal-kapaċità u l-produzzjoni tal-PET tal-industrija tal-Unjoni, ma għamlitx tajjeb għat-telf tal-produzzjoni għall-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u l-istaġnar tal-bejgħ u għalhekk ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-ilmentatur ipprovda *data* li l-produtturi tal-rPET kienu qed inaqqsu l-produzzjoni tagħhom wara l-PI minħabba l-prezzijiet baxxi tal-vPET fis-suq tal-Unjoni, ikkawżati mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ.

6.2.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(255) Is-CPCIF u l-UNESDA ddikjaraw li l-volumi tal-importazzjoni mill-Eġittu, mit-Turkija u mill-Vjetnam żdiedu b'mod konsiderevoli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni iżda lkoll urew tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-importazzjoni fl-aħħar trimestru tal-PI. Madankollu, it-tnaqqis fil-volumi tal-importazzjoni mir-RPĊ matul dan it-trimestru kien ferm akbar milli għall-pajjiżi terzi l-oħrajn. Barra minn hekk, is-CPCIF osservat li l-importazzjonijiet mill-Indja baqgħu sinifikanti u stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel żdiedu fl-aħħar trimestru tal-PI. Għalhekk, is-CPCIF argumentat li kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni huwa kkawżat mill-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn u mhux mill-importazzjonijiet mir-RPĊ, b'mod partikolari minħabba li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi l-oħrajn ukoll waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'mod simili għall-importazzjonijiet Ċiniżi. Barra minn hekk, id-dazju doganali ta' 6,5 % impost fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi meta jidħlu fl-Unjoni jenħtieġ li jiġi inkorporat f'din l-analiżi.

(256) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 16

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
L-Eġittu	Volum (tunnellati)	87 688	81 942	70 786	172 913
	Indiċi	100	93	81	197
	Sehem mis-suq	2 %	2 %	2 %	4 %
	Prezz medju	997	794	1 020	1 474
	Indiċi	100	80	102	148
Türkiye	Volum (tunnellati)	103 246	124 883	160 162	172 516
	Indiċi	100	121	155	167
	Sehem mis-suq	3 %	3 %	4 %	4 %
	Prezz medju	1 033	787	940	1 443
	Indiċi	100	76	91	140

Il-Vjetnam	Volum (tunnellati)	77 961	92 359	91 709	156 003
	Indiċi	100	118	118	200
	Sehem mis-suq	2 %	2 %	3 %	4 %
	Prezz medju	1 008	732	940	1 426
	Indiċi	100	73	93	141
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	534 910	477 200	353 908	331 621
	Indiċi	100	89	66	62
	Sehem mis-suq	14 %	13 %	10 %	9 %
	Prezz medju	998	756	925	1 458
	Indiċi	100	76	93	146
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	803 805	776 385	676 564	833 052
	Indiċi	100	97	84	104
	Sehem mis-suq	21 %	20 %	19 %	21 %
	Prezz medju	1 003	762	940	1 451
	Indiċi	100	76	94	145

Sors: Eurostat

(257) Kif stabbilit fit-tabella fil-premessa (157), l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'58 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalkemm ir-rata ta' tkabbir għall-Eġittu, għat-Turkija, u għall-Vjetnam kienet b'mod kumulattiv akbar, il-livelli ta' importazzjonijiet tagħhom kienu ferm aktar baxxi mill-importazzjonijiet mir-RPĊ f'ċifri assoluti.

(258) Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ogħla mill-prezz tal-importazzjoni mir-RPĊ u kienu madwar il-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Ivvalutati b'mod kumulattiv, dawn l-importazzjonijiet kienu ogħla mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni.

(259) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li apparti mill-fatt li dawn l-importazzjonijiet ma sarux bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, l-volumi tal-importazzjoni lanqas ma kienu ta' tali skala li jnaqqsu l-kawżalità bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

6.2.4. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(260) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 17

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2019	2020	2021	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	228 466	260 053	333 941	291 338
Indiċi	100	114	146	128
Prezz medju (EUR)	1 006	741	992	1 469
Indiċi	100	74	99	146

Sors: data vverifikata mit-tweġibiet għall-kwestjonarju

(261) L-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu mill-2019 sal-2021, u wara dan naqsu iżda baqgħu ogħla b'mod sinifikanti mill-kwantità mibjugħa fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(262) L-esportazzjonijiet kienu biss parti żgħira mill-bejgħ ġenerali tal-industrija tal-Unjoni, u kien jirrappreżentaw bejn 7 % u 10 % tal-produzzjoni tagħha fl-2019. Il-prezz medju tal-bejgħ għall-esportazzjonijiet segwa l-fluttwazzjonijiet fil-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(263) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma mmitigatx il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u t-theddida ta' dannu li nstabet.

6.2.5. *Iż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u tal-prezzijiet tal-enerġija*

(264) Il-UNESDA ddikjarat li l-prezz tal-PET fit-tieni semestru tal-2022 ġie affettwat mill-kriżi tal-enerġija li żviluppat minħabba l-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna. Is-CPCIF sostniet ukoll li ż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima, il-kostijiet tal-enerġija u l-pressjoni inflazzjonarja kienu fatturi li kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, bl-argument li t-tnaqqis fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni jikkoinċidi ma' rata għolja ta' inflazzjoni, ikkawżata minn żieda fil-kostijiet tal-enerġija. B'riżultat tal-gwerra fl-Ukrajna, il-prezzijiet tal-petroleum żdiedu b'mod sinifikanti fl-Ewropa, u affettwaw il-prezz tal-materja prima paraksilen, tal-aċidu tereftaliku purifikat, u tal-monoetilenglikol, filwaqt li l-produtturi Ċiniżi tal-PET kienu anqas affettwati miż-żieda fil-kostijiet.

(265) Kif stabbilit fil-premessa (183), il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni l-ewwel wera tnaqqis fl-2020, u, wara dan, il-kostijiet żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni tista' wkoll iżżid il-prezzijiet tagħha f'konformità maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni għall-biċċa l-kbira tal-2021 u għall-perjodu ta' investigazzjoni. Meta tiġi vvalutata din id-*data* f'livell trimestrali għall-perjodu ta' investigazzjoni, huwa viżibbli li l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha fl-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni għal-livell taħt il-kost tal-produzzjoni tagħha b'reazzjoni għall-kompetizzjoni inġusta tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, iż-żieda fil-kost ma taffietx il-kawżalità.

6.2.6. *Żieda fil-kostijiet tal-investiment*

(266) Is-CPCIF saħqet li ċ-ċifri tal-investiment tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'aktar minn erba' darbiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minħabba żieda fil-kapital operatorju dovuta għal inventarji akbar u sabiex tikkonforma mal-obbligi regolatorji skont id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss.

(267) Kif stabbilit fil-premessa (191), il-Kummissjoni sabet li l-investimenti tabilħaqq żdiedu sostanzjalment. Madankollu, meta mqabblin mal-valur tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, il-kostijiet tal-investiment kienu limitati u qatt ma qabżu t–2,1 % tal-fatturat għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, l-investimenti saru sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti eżistenti tal-Unjoni, għall-manutenzjoni tal-impjanti u sabiex tiżdied il-longevità tagħhom. Għalhekk, dan il-livell ta' kostijiet ta' investiment ma setax inaqqas il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu li nstabet.

6.2.7. *Il-preferenzi tax-xiri tal-klijenti*

(268) Svepol saħqet li t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ kien rispons għall-bidliet fil-preferenzi tax-xiri tal-klijenti (inkluż it-trasferiment minn kuntratti fit-tul għal kuntratti spot aktar flessibbli) u t-tnaqqis mifrux fl-istokkijiet mill-klijenti tal-PET.

(269) Il-Kummissjoni sabet li filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas temporanjament fl-aħħar trimestru tal-2022, dan fil-fatt żdied fil-PI meta mqabbel mal-bidu tal-perjodu kkunsidrat u baqa' fil-livell medju trimestrali tal-PI anki fl-ewwel trimestru tal-2023 (ara t-Tabella 3 u t-Tabella 14). Għalhekk, l-allegat tnaqqis fl-istokkjar mill-klijenti mhuwiex sostanzjat kif xieraq. Barra minn hekk, bidla potenzjali fit-termini ta' xiri preferuti nnifisha ma tistax titqies bħala fattur li għandu awtomatikament iwassal għal tnaqqis fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-investigazzjoni sabet b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet Ċiniżi saru fuq bażi ta' kuntratt fuq il-post, filwaqt li storikament l-industrija tal-Unjoni biegħet prinċipalment fuq bażi ta' kuntratt fit-tul. Madankollu, l-importazzjonijiet Ċiniżi saru bi prezzijiet oġġett ta' dumping li jwaqqgħu l-industrija tal-Unjoni, u b'hekk potenzjalment saħansitra aggravaw din il-bidla minn kuntratti fit-tul għal kuntratti spot. Id-differenza fil-kuntratti b'opzjoni ta' xiri setgħet għalhekk aggravat l-effet bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u t-theddida ta' dannu li nstabet.

6.2.8. *Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(270) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Madankollu, l-effett ta' dawn il-fatturi l-oħrajn fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni kien limitat biss, jekk kien hemm.

(271) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżaw theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, ikkunsidrati b'mod individwali jew kollettiv, ma jtaffux il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

7. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(272) Biex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

7.1. **Marġni tad-dannu**

(273) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(274) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mir-RPĊ, il-livell ta' profittabilità meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabilità li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx anqas minn 6 %.

(275) Il-profitt fl-ewwel sentejn tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien anqas minn 6 % (fl-2019 jew fl-2020) u l-kundizzjonijiet tas-suq kienu anormali fl-2021, minħabba l-pandemija tal-COVID-19 flimkien ma' żieda bla preċedent fil-kostijiet tat-trasport assoċjati ma' tnaqqis ġenerali fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fl-2021. Għalhekk, l-ebda sena minn dawn ma tikkwalifika sabiex jingħata profitt fil-mira f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. L-ebda produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun ma għamel pretensjoni sostanzjata dwar investimenti mitlufin jew dwar kostijiet ta' R&Ż u ta' innovazzjoni. Fid-dawl ta' dawk il-fatti, il-Kummissjoni rrikorriet għall-użu tal-profitt minimu fil-mira ta' 6 % li ġie miżjud mal-kost reali tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni sabiex jiġi stabbilit il-prezz mhux dannuż.

(276) Peress li ma saret ebda dikjarazzjoni sostanzjata skont l-Artikolu 7(2d) dwar il-kostijiet kurrenti jew futuri li jirriżultaw minn ftehimiet ambjentali multilaterali u l-protokolli tagħhom jew mill-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati, ma żdied l-ebda kost ieħor mal-prezz mhux dannuż b'hekk stabbilit.

(277) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi individwali li kkooperaw u li ġew inklużi fil-kampjun fir-RPĊ, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.

(278) Svepol issuġġeriet li, li kieku l-Kummissjoni kellha timponi dazji, il-prezzijiet attwali u l-profitt miksub mill-produtturi tal-Unjoni matul it-tieni nofs tal-2022 jenħtieġ li jitqiesu bħala affidabbli sabiex jiġi stabbilit il-marġni tad-dannu, billi l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni la kienu baxxi u lanqas imrażżnin fl-2022. Ta' min jinnota li l-2022 kienet is-sena meta l-importazzjonijiet mir-RPĊ żdiedu b'mod sostanzjali u, għalhekk, il-profitt miksub mill-produtturi tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni jew fi kwalunkwe perjodu fl-2022 ma tqiesx xieraq sabiex jintuża bħala profitt fil-mira.

(279) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara t-Taqsima 3.5).

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Marġni tad-dannu
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	16,0 %	6,6 %
Wankai New Materials Group: — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	22,6 %	10,7 %
China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %	21,2 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	19,7 %	11,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,2 %	27,5 %

7.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(280) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping provviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	6,6 %
Wankai New Materials Group: — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	10,7 %

China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	11,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,2 %

8. **INTERESS TAL-UNJONI**

(281) Il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja li ġie ddeterminat dumping dannuż, l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-utenti u tal-konsumaturi.

8.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(282) Madwar l-Unjoni madwar 60 kumpanija pproduċew il-PET, u pprovdew impjieg lil madwar 1 500 membru tal-persunal. 16-il produttur ikkooperaw matul l-investigazzjoni. L-ebda produttur magħruf ma oppona l-bidu tal-investigazzjoni. Kif muri hawn fuq meta ġew analizzati l-indikaturi tad-dannu, l-industrija tal-Unjoni wriet xejra ta' deterjorament fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod partikolari, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-prodotturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, bħall-profittabilità, kienu affettwati serjament. L-industrija tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni u kienet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ, li kkawża t-theddida ta' dannu fl-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni.

(283) Huwa mistenni li l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping provviżorji tirrestawra kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni, u ttemm is-soppressjoni tal-prezzijiet u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra. Dan jirriżulta f'titjib tal-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli ħafna li t-theddida ta' dannu timmaterjalizza u li se jkun hemm deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u xi impjanti tal-industrija tal-Unjoni jibqgħu inattivi jew jagħlqu.

(284) Għaldaqstant, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

8.2. **L-interess tal-utenti u tal-importaturi mhux relatati**

(285) Importatur mhux relatat (Svepol) u numru ta' kumpaniji ta' utenti kbar bħal Danone, Nestle Waters, Coca-Cola, u Refresco, flimkien ma' assoċjazzjonijiet bħal Soft Drinks Europe (UNESDA) u Natural Mineral Waters Europe (NWME), daħlu f'kuntatt u kkooperaw f'din l-investigazzjoni. Il-UNESDA tirrappreżenta utenti korporattivi ewlenin, prodotturi nazzjonali tas-soft drinks, bottiljaturi, u distributuri, filwaqt li l-NWME titkellem għall-prodotturi tal-ilma minerali naturali. Svepol kif ukoll erba' gruppi ta' utenti (Refresco, Danone, Nestle u Retal) ipprovdew tweġibiet strutturati (ivverifikati f'dan l-istadju għal Svepol) għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, aktar minn 30 utent ieħor (prinċipalment bottiljaturi) u assoċjazzjonijiet nazzjonali mill-Awstrija, mill-Bulgarija, mill-Ġermanja, minn Franza, mill-Italja, minn Spanja, u mill-Polonja ppreżentaw irwieħhom, billi pprovdew kummenti u kkontestaw id-dazji potenzjali fuq l-importazzjonijiet tal-PET.

(286) L-industrija tal-ibbottiljar tal-PET hija sinifikanti f'termini ta' impjiegi, b'aktar minn 300 000 impjieg dirett ipprovduti f'1 000 sit tal-ibbottiljar. Ta' min jinnota li l-biċċa l-kbira ta' dawn in-negozji huma intrapriżi żgħar u medji ("SMEs"), li spiss jimpjegaw anqas minn 50 persuna. Ħafna mill-utenti asserew li diġà joperaw b'marġnijiet baxxi ħafna u qegħdin jiffaċċjaw kostijiet dejjem akbar minħabba miżuri regolatorji tal-UE dwar il-plastik li jintuża darba biss u obbligi oħrajn tal-imballaġġ. Huma argumentaw ukoll li l-PET huwa komodità mhux prodotta fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni u, għalhekk, l-importazzjonijiet huma komponent essenzjali tal-konsum tal-Unjoni.

(287) Barra minn hekk, l-utenti u Svepol (importatur) iddikjaraw li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-PET mir-RPĊ taffettwa b'mod negattiv lil dawn in-negozji Ewropej b'diversi modi, kif stabbilit hawn taħt.

8.2.1. *Żieda fil-prezzijiet tal-vPET*

(288) L-utenti argumentaw li l-miżuri x'aktarx iżidu l-prezzijiet tal-vPET. Dan huwa ddokumentat fl-eżempju tal-Istati Uniti, li għandu prezzijiet tal-PET ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbel ma' pajjiżi b'dazji aktar baxxi jew mingħajr dazji bħall-Unjoni jew il-Korea t'Isfel. Dan ikollu impatt fuq l-SMEs li ma jistgħux faċilment jittrasferixxu dawn il-kostijiet akbar lill-klijenti tagħhom biex b'hekk ifixklu l-industrija tax-xorb, li fiha l-PET huwa komponent ewlieni tal-kost. L-utenti indikaw (mingħajr sostanzjar ulterjuri) li l-prezz tal-PET fuq il-prodott finali jvarja bejn 8 u 15 % u li żieda fil-prezz ma tistax tiġi ttrasferita bis-sħiħ lix-xerrejja.

8.2.2. *Tranżizzjoni aktar bil-mod lejn l-rPET*

(289) L-industrija tas-soft drinks issottomettiet li qed tipprova taqleb mill-vPET għall-rPET, li bħalissa huwa aktar għali. Prezzijiet ogħla tal-vPET jistgħu jrażżnu din il-bidla, li jdgħajjef l-inizjattivi ta' sostenibbiltà tal-industrija.

8.2.3. *Thassib dwar il-pożizzjoni dominanti fis-suq*

(290) Diversi utenti ppreżentaw li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-PET mir-RPĊ ikomplu jikkonsolidaw il-kontroll tal-produttur tal-Unjoni Indorama fis-suq tal-PET, anki fid-dawl tas-sjieda ta' Indorama ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-PET fit-Turkija u fl-Eġittu, l-esportaturi ewlenin tal-PET li jmiss lejn l-Unjoni, u argumentaw li tali kostellazzjoni tas-suq tista' tħalli impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u jaf ma tkunx allinjata mal-interessi usa' tal-Unjoni.

8.2.4. *Analiżi tal-impatt tal-miżuri fuq l-utenti u fuq l-importaturi mhux relatati*

(291) Filwaqt li l-miżuri anti-dumping huma tabilħaqq probabbli li jżidu l-prezz tal-PET u jħallu impatt negattiv fuq l-industriji tal-utenti u fuq l-utenti finali tal-prodotti imballati għall-PET, dan mhux neċessarjament jirriżulta f'telf ta' impjiegi fost l-utenti tal-PET, minħabba li l-kostijiet tal-PET jammontaw sa 15 % tal-prezzijiet tal-prodott finali. Barra minn hekk, mill-evidenza disponibbli jirriżulta li mhux talli l-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-PET fost il-produtturi tal-Unjoni utilizzati bis-sħiħ, iżda diversi pajjiżi oħrajn bħat-Turkija, l-Eġittu u l-Vjetnam għandhom il-kapaċità li jfornu l-PET lill-industrija tal-utenti fl-Unjoni.

8.3. **L-Ambizzjoni tal-UE Rigward Plastiks Sostenibbli**

(292) L-Unjoni Ewropea, fl-impenn tagħha li tiġġieled kontra t-tniġġis u l-plastiks li jintużaw darba biss, adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari fl-2015. Dan il-pjan immarka l-plastiks bħala prijorità, bl-għan li jiġu stabbiliti strateġiji li jikkunsidraw iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-plastiks. Il-PET, plastik kompletament riċiklabbli, huwa fuq quddiem nett f'dawn l-isforzi. Fl-2016, filwaqt li fl-Unjoni kien jinġabar 72,7 % tal-iskart tal-plastik, 31,1 % biss kien jiġi rriċiklat, li jixħet enfasi fuq l-importanza ta' plastiks puri bħall-PET.

8.4. **Sfidi fir-rigward tal-rPET**

(293) Id-Direttiva tal-Unjoni dwar il-plastiks li jintużaw darba biss stabbiliet miri ambizzjużi ta' riċiklaġġ għad-deċennju li ġej, li jġiegħlu lill-produtturi tal-PET tal-Unjoni jinvestu f'teknoloġiji tal-rPET. Madankollu, dan il-progress huwa mhedded mill-influss tal-vPET oġġett ta' dumping mir-RPĊ. Dawn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping għamlu l-rPET manifatturat fl-Ewropa anqas kompetittiv, u dan wassal għal bidla lura għall-vPET, speċjalment meta l-kostijiet tal-enerġija għall-produzzjoni tal-rPET huma għoljin. L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jistgħu jxekklu l-innovazzjoni u l-bini tal-kapaċità ta' produzzjoni tal-rPET, u jdgħajfu ċ-ċirkwit tal-PET għar-riċiklaġġ, li huma essenzjali għall-miri tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-karbonju u għar-riċiklaġġ.

8.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(294) Barra minn hekk, id-dazji (ara t-Taqsima 9 hawn taħt) huma stabbiliti f'livell li jkun jippermetti lill-importazzjonijiet tal-PET Ċiniż bi prezzijiet ġusti.

(295) L-impenn tal-Unjoni għall-ħarsien tal-ambjent, hekk kif inhu evidenti fid-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss, jenfasizza l-investimenti ta' riċiklaġġ, u potenzjalment jiġi mfixkel mill-vPET irħis.

(296) B'mod ġenerali, instab b'mod provviżorju li l-benefiċċji tal-miżuri jisbqu l-impatt negattiv potenzjali għall-importaturi, għall-utenti u għall-konsumaturi.

(297) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw mir-RPĊ f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

9. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI**

(298) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqin mill-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità, il-livell tal-miżuri u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex tiġi evitata l-materjalizzazzjoni tat-theddida imminenti ta' dannu materjali li hija kkawżata lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(299) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-PET li joriġinaw mir-RPĊ, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping fil-premessa (279) aktar 'il fuq. L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.

(300) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	6,6 %
Wankai New Materials Group: — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	10,7 %
China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	11,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,2 %

(301) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(302) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(303) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) biex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(304) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU**

(305) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem ta' xogħol sabiex jipprovdu kummenti dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(306) Ma wasal l-ebda kumment dwar l-akkuratezza tal-kalkoli.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(307) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(308) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping provviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-polietilentereftalat ("PET") li għandu viskożità ta' 78 ml/g jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3907 61 00 u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, free-at-Union-frontier, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping provviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Sanfame Group: — Jiangsu Hailun Petrochemical Co., Ltd — Jiangsu Xingye Plastics Co., Ltd. — Jiangyin Xingu New Material Co., Ltd. — Jiangyin Xingtai New Material Co., Ltd.	6,6 %	899 V
Wankai New Materials Group: — Wankai New Materials Co., Ltd. — Chongqing Wankai New Materials Technology Co. Ltd.	10,7 %	899 W

China Resources Chemical Innovative Materials Group: — China Resources Chemical Innovative Materials CO., LTD — Zhuhai China Resources Chemical Innovative Materials Co., Ltd.	17,2 %	899X
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	11,1 %	Ara l-anness
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	24,2 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi preżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SINOPEC YIZHENG CHEMICAL FIBRE LIMITED LIABILITY COMPANY	899Y
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Dragon Special Resin (XIAMEN) Co., Ltd.	899Z
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd.	89AA
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiangsu Ceville New Materials Technology Co., Ltd.	89AB